Dan il-proġett huwa ffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea
(Ad-PHS - VS/2018/0344)

# Politiki u Strumenti tas-Servizzi Personali u Domestiċi (PHS):

## Is-Sitwazzjoni Attwali fil-21 Stat Membru tal-UE

Diċembru 2020

**Enikö Baga, Rachel Cylus, Sigrid Rand, Verena Rossow**
Istitut għall-Ekonomija, ix-Xogħol u l-Kultura (IWAK)/Ċentru tal-Università ta’ Goethe Frankfurt

**Dan id-dokument jirrifletti l-opinjonijiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni Ewropea ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.**

# Werrej

Werrej ..... 1
Introduzzjoni ..... 2
Fatturi li Jappoġġjaw it-Tkabbir tal-PHS ..... 4
Definizzjoni tal-PHS ..... 10
Iż-Żewġ Komponenti Ewlenin tal-PHS: Servizzi ta' Kura u Mhux ta' Kura ..... 13
Arranġamenti tax-Xogħol ..... 15
Sfidi għall-Formalizzazzjoni tal-PHS ..... 17
Valutazzjoni tal-Istrumenti li Jappoġġjaw l-Iżvilupp tal-PHS ..... 18
Il-Mekkaniżmi fl-Istrumenti tal-PHS ..... 20
Ir-Relazzjoni bejn ir-Reġimi tal-Għajnuna Soċjali u l-Politiki tal-PHS ..... 25
Ħarsa 'il Quddiem ..... 31
Glossarju ..... 33
Referenzi ..... 35

**Lista ta' Tabelli u Figuri**

**Tabella 1:** Servizzi ta' Kura u Mhux ta' Kura
**Tabella 2:** Sfidi tal-PHS u Approċċi Eżistenti
**Tabella 3:** Interazzjoni bejn il-Mekkaniżmi u l-Istrumenti
**Tabella 4:** Vantaġġi u Sfidi Involuti fl-Espansjoni tal-Kwalifiki għall-Impjegati tal-PHS
**Figura 1:** Pajjiżi tal-PHS raggruppati skont il-karatteristiċi komuni tal-ħarsien soċjali

Dan il-proġett huwa
ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
(Ad-PHS - VS/2018/0344)

## Introduzzjoni

Madwar 6.3 miljun persuna attwalment jaħdmu f'servizzi personali u domestiċi (PHS) fl-Ewropa, li jirrappreżentaw madwar 3.4% tal-impjiegi totali fl-UE (9.5 miljun jekk jiġu inklużi ħaddiema tal-SPS mhux iddikjarati).[1] Il-PHS jirreferu għal attivitajiet imħallsin ta' kura u mhux ta' kura li jsiru fi djar privati, kif ukoll it-trikkib li jseħħ bejniethom.

Bħala qasam ta' impjieg, il-PHS għandhom potenzjal li jikbru b'mod sinifikanti. Ser ikun meħtieġ li jiżdied l-għadd ta' impjegati regolari tal-PHS sabiex jintlaħqu t-talbiet dejjem jiżdiedu għall-PHS, li ħafna minnhom jirriżultaw mill-bidliet demografiċi li qiegħdin iseħħu fl-Ewropa kollha. Popolazzjoni dejjem tikber ta' nies anzjani teħtieġ aktar appoġġ biex dawn ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom, filwaqt li l-popolazzjoni li dejjem qed tonqos ta' individwi fl-età tax-xogħol teħtieġ inizjattivi li jgħinu biex jattivaw u jirriattivaw l-ikbar ammont ta' individwi possibli fl-età tax-xogħol, pereżempju permezz ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jipprovdi aktar għażliet għan-nisa f'impjieg. L-aspettattivi li jevolvu, ispirati mil-leġiżlazzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, qed iwasslu wkoll għal żieda fid-domanda għall-PHS.

Mill-perspettiva tal-ġeneru, kull forma ta' appoġġ pubbliku għall-PHS hija ta' benefiċċju peress li n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-forrnituri tal-PHS, kemm bħala ħaddiema fl-ekonomija ddikjarata u mhux iddikjarata kif ukoll bħala membri tal-familja li jwettqu kompiti fid-dar u tal-kura fl-isfera mhux imħallsa.[2] In-nisa jirrappreżentaw ukoll porzjon kbir ta' utenti tal-PHS, peress li jiffurmaw il-maġġor parti tal-popolazzjoni anzjana.[3] In-nisa involuti fl-isfera mhux imħallsa jibbenefikaw id-doppju mid-disponibbiltà tal-PHS formalizzati, kemm bħala possibbiltà għall-kura ta' mistrieħ kif ukoll bħala possibbiltà li jaċċessaw is-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, it-tranżizzjoni tal-PHS fl-ekonomija formali tkabbarhom b'mod sinifikanti peress li, bħalissa, il-PHS jesperjenzaw rata għolja ta' arranġamenti tax-xogħol mhux iddikjarati u informali. Is-setturi tal-PHS regolarizzati ser joffru bosta opportunitajiet biex jiġu impjegati ħaddiema b'livelli ta' ħiliet u kwalifiki differenti, bħal nisa li akkwistaw ħiliet tad-dar u tal-kura fl-isfera mhux imħallsa u ħaddiema li jiffaċċjaw sfidi sabiex (jerġgħu) jistabbilixxu ruħhom fis-suq tax-xogħol formali. Bħala riżultat ta' dan, il-politiki li jimmiraw biex jagħtu spinta lill-PHS jirrappreżentaw politiki ta' investiment soċjali eċċellenti, b'ritorni soċjali u ekonomiċi sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-politiki jkunu effettivi, ammont ikbar ta' finanzjament għandu jkun immirat, mill-inqas bil-quddiem, lejn is-setturi assoċjati mal-PHS.

Il-Proġett għat-Tisħiħ tas-Servizzi Personali u Domestiċi (Ad-PHS) għandu l-għan li joħloq qafas diskussiv komuni madwar il-PHS fost id-diversi atturi fl-Istati Membri differenti. F'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' qafas diskussiv komuni jimplika sensibilizzazzjoni għad-definizzjonijiet differenti tal-PHS fi Stati Membri differenti u sforz ta' komunikazzjoni konġunt sabiex tinstab definizzjoni fattibbli għall-atturi involuti kollha, klassifikazzjoni kondiviża tal-approċċi differenti użat għall-promozzjoni ta' dan il-qasam u fehim kondiviż tal-linji gwida għall-azzjoni, li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tagħhom. Għalhekk, l-għan tal-proġett preżenti

[1] Lebrun (2020). Qabel ir-Renju Unit ħareġ mill-UE, Decker/Lebrun (2018:9) qal li tmien miljun persuna ħadmu uffiċjalment f'dan is-settur (pereżempju, iċ-ċifra teskludi ħaddiema mhux iddikjarati).

[2] Għal paragun, is-sussidji tal-istat għall-industrija awtomobilistika fil-Ġermanja jappoġġjaw l-iktar lill-irġiel, li jiffurmaw madwar tmenin fil-mija tal-impjegati fis-settur u jirrappreżentaw ukoll l-utenti ewlenin tal-karozzi (Ohrem/Meier-Gräwe 2012).

[3] Kummissjoni Ewropea (2020a).

Dan il-proġett huwa
ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
(Ad-PHS - VS/2018/0344)

huwa li jgħin sabiex wieħed jifhem kif jiffunzjonaw bħalissa l-PHS f'kuntesti differenti u sabiex din l-informazzjoni tintuża biex jiġu żviluppati oqfsa li jappoġġjaw lill-Istati Membri tal-UE kollha fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom tal-PHS.

Il-faċilitazzjoni tal-emerġenza ta' diskors komuni madwar il-PHS kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri tikkontribwixxi għall-benesseri ekonomiku u soċjali fl-UE. L-ewwelnett, l-impjegati attwali u futuri tal-PHS għandu jkollhom drittijiet ta' impjieg (inklużi pagi ġusti) u protezzjonijiet soċjali assoċjati ma' impjieg formali[4] u regolat[5] f'kull pajjiż. Barra minn hekk, l-utenti tal-PHS, speċjalment il-popolazzjonijiet vulnerabbli, bħall-anzjani, il-persuni b'mard kroniku u l-persuni b'diżabilità, li spiss jiddependu mill-PHS kuljum, jeħtieġu servizzi aċċessibbli u affidabbli. L-indirizzar tal-ħtiġijiet u t-tħassib tal-impjegati u l-utenti tal-PHS, kif ukoll dawk tal-impjegaturi, kemm jekk ikunu l-utenti jew il-fornituri tas-servizzi, jista' jgħin sabiex jitfasslu approċċi għall-professjonalizzazzjoni u r-regolarizzazzjoni tas-setturi assoċjati. Taħt iċ-ċirkostanzi ta' arranġamenti tax-xogħol informali prevalenti, diffiċli jiġu implimentati standards professjonali u ta' kwalità. In-nuqqas ta' kwalifika adegwata tal-ħaddiem għandu impatt negattiv kemm fuq il-ħaddiem tal-PHS, li jiġi mċaħħad mill-aċċess għall-mobilità professjonali 'l fuq, kif ukoll fuq l-utent tal-PHS, li m'għandux garanzija tal-kwalità tas-servizzi pprovduti. F'dan il-kuntest, l-imsieħba soċjali assoċjati għandhom ukoll rwol importanti, fir-rigward tan-negozjar ta' ftehim kollettiv u l-influwenzar tal-oqfsa regolatorji rilevanti.

Diskors komuni jista' jgħin ukoll biex jidentifika karatteristiċi u sfidi konġunti tal-PHS fl-Istati Membri kollha. Dan jagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex jaqsmu l-aħjar prattiki, jaħdmu lejn il-formalizzazzjoni u l-professjonalizzazzjoni tal-PHS, u jiżviluppaw ir-regolamenti u s-sorveljanza meħtieġa. Attwalment, l-Istati Membri għandhom gradi differenti ta' professjonalizzazzjoni u formalizzazzjoni fir-rigward tal-PHS. Id-dipendenza qawwija fuq il-ktajjen tal-migrazzjoni,[6] kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi, u l-importanza li tirriżulta tar-rimessi finanzjarji għal ċerti Stati Membri jżidu mal-importanza li jinħoloq qafas Ewropew komuni għall-indirizzar tal-PHS. Qafas bħal dan għandu jkun parti mill-inizjattivi li ġejjin tal-UE, bħall-Pjan ta' Azzjoni ppjanat dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u kwalunkwe inizjattiva marbuta mas-servizzi tal-kura (kura fit-tul, garanzija tat-tfal u l-Istrateġija Ewropea għad-Diżabilità).

Sabiex dawk li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp tal-PHS fil-pajjiżi tagħhom bl-aħjar mod, għandhom jifhmu b'mod ċar l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw dawn is-setturi u l-effetti ewlenin diretti u indiretti ta' rkupru marbutin mal-attivitajiet tal-PHS kif ukoll l-approċċi li ġew ippreżentati minn pajjiżi oħrajn taħt ċirkostanzi simili. Għalhekk, il-fehim ta' kif il-politiki għamlu impatt f'pajjiżi bi strumenti tal-PHS avvanzati, huwa ta' importanza kruċjali.

Meta nikkunsidraw politiki li jiffurmaw attivitajiet formali tal-PHS, id-dokument preżenti jiddistingwu bejn strumenti ta' politika u mekkaniżmi ta' politika:

- **L-istrumenti ta' politika** huma l-interventi tanġibbli ddisinjati minn korpi speċifiċi tal-gvern sabiex jappoġġjaw għanijiet ta' politika partikolari. Fil-każ tal-PHS, xi strumenti komuni jinkludu impjiegi żgħar, vawċers u trasferimenti ta' flus (pereżempju, tnaqqis fit-taxxa u allowances għall-kura). Il-

[4] Ara l-Glossarju.
[5] Ara l-Glossarju.
[6] Ara l-Glossarju.

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

karatteristiċi ta' dawn l-istrumenti komuni huma differenti skont il-kuntesti nazzjonali u jistgħu jiġu aġġustati jew mibdula maż-żmien.

- **Mekkaniżmi ta' strumenti tal-politika li jiffunzjonaw** huma karatteristiċi ta' dawn l-istrumenti komuni li huma differenti skont il-kuntesti nazzjonali u jistgħu jiġu aġġustati jew mibdula maż-żmien biex jindirizzaw sfidi speċifiċi assoċjati mal-formalizzazzjoni u r-regolazzjoni tal-attivitajiet tal-PHS.

Il-fehim tat-tipi ta' strumenti ta' politika u l-mekkaniżmi użati biex jindirizzaw l-isfidi li għandhom l-PHS f'pajjiż partikolari, jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika fit-tfassil ta' strumenti li jissodisfaw l-aħjar ħtiġijiet lokali speċifiċi u li se jkollhom l-iktar suċċess fit-tul.

Fid-dokument preżenti aħna identifikajna erba' tipi wiesgħa ta' sfidi li l-Istati Membri jistgħu jkunu jridu jikkunsidraw meta jfasslu strumenti biex jappoġġjaw attivitajiet tal-PHS: trasparenza, aċċessibilità, funzjonalità u sostenibilità. L-istrumenti jistgħu jindirizzaw dawn l-isfidi billi jimplimentaw mekkaniżmi li joffru soluzzjonijiet permezz ta' finanzjament, ġestjoni tal-proċess u ġestjoni tal-kwalità. L-Istati Membri, fejn il-PHS jidhru b'mod prominenti fuq l-aġenda ta' politika, żviluppaw strumenti multipli, kull wieħed iffokat fuq gruppi mmirati differenti. Strument wieħed jista' jinkludi mekkaniżmi multipli sabiex jiġu solvuti sfidi differenti b'mod effettiv. Offerta wiesgħa tgħin lis-sistema/sistemi tal-PHS ta' pajjiż tissodisfa/jissodisfaw bl-aħjar mod il-bżonnijiet varji ta' impjegati u utenti differenti.

Id-dokument preżenti, bħala parti mill-proġett Ad-PHS, għandu l-għan li jikkunsidra l-istat tal-PHS f'21 Stat Membru tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja. Dan jenfasizza l-importanza tal-PHS għall-Unjoni Ewropea u jissuġġerixxi approċċi għall-analiżi tal-PHS fil-livell nazzjonali. Sabiex jiġi żviluppat qafas biex wieħed jifhem kif il-PHS jiffunzjonaw f'kuntesti differenti, ir-rapport jiddependi fuq eżempji ta' politiki u strumenti attwalment użati f'diversi Stati Membri. Qafas Ewropew komuni għall-PHS jappoġġja pajjiżi interessati fl-iżvilupp kontinwu tal-istrumenti u l-politiki tal-PHS biex ikomplu l-iżvilupp tal-UE u nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam ewlieni, b'impatt kbir fuq il-kwalità tal-ħajja għal miljuni ta' Ewropej.

## Fatturi li Jappoġġjaw it-Tkabbir tal-PHS

Il-fatturi għat-tkabbir tal-PHS jistgħu jiffokaw fuq id-domanda eżistenti u li qed tiżviluppa għall-PHS fost l-utenti kif ukoll fuq opportunitajiet biex tiżdied il-provvista tal-impjegati tal-PHS.

Id-domanda għall-PHS hija ppjanata li tikber madwar l-UE, minħabba l-effetti ta' tibdil fid-demografija, inklużjoni soċjali aħjar ta' persuni b'diżabilità,[7] inklużi ħafna persuni anzjani, li jiżviluppaw indebolimenti

[7] Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN CRPD) hija wkoll fattur li jikkontribwixxi għall-ħtieġa ta' tkabbir fil-PHS, peress li tappoġġja d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti u li jkunu integrati fil-komunitajiet tagħhom (l-Artikolu 19). Il-UN CRPD ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha tal-UE u ġiet rratifikata mill-UE f'Diċembru tal-2010. L-UE impenjat ruħha li tagħmel tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fil-komunità bħala parti mill-Istrateġija tad-Diżabilità tagħha għall-2010-2020 (Open Society Foundations (2012): L-Unjoni Ewropea u d-Dritt għall-Għixien fil-Komunità.)

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

u jsiru persuni b'diżabilità, kif ukoll integrazzjoni dejjem tiżdied fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' għoti ta' kura, speċjalment nisa.

Il-perċentwal ta' nies ta' 65 sena jew aktar qed jiżdied f'kull Stat Membru. Barra minn hekk, il-popolazzjoni ta' persuni li għandhom iktar minn 80 sena, li jeħtieġu l-iktar kura, hija mbassra li tikber aktar mid-doppju bejn l-2017 u l-2060.[8] L-UE impenjat ruħha wkoll li twettaq tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fil-komunità bħala parti mill-Istrateġija ta' Diżabilità tagħha għall-2010-2020 u hija mistennija tkompli din il-politika fl-istrateġija ta' segwitu u f'konformità mal-EPSR. Fuq dan l-isfond, setturi tal-PHS regolati aħjar u mkabbra jagħmluha iktar faċli għal din id-demografija dejjem tikber, flimkien ma' popolazzjonijiet vulnerabbli oħrajn, bħal persuni b'diżabilità u persuni b'mard kroniku, biex ikunu jafu li s-servizzi li għandhom bżonn ikunu aċċessibbli u affordabbli meta u fejn ikollhom bżonnhom. Barra minn hekk, iż-żieda fil-perċentwal tan-nisa fil-forza tax-xogħol hija wkoll parti importanti mill-miri tal-UE. L-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tiffoka fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, tnaqqas id-diskrepanza fil-pagi u l-pensjonijiet bejn is-sessi u tnaqqas id-disparità fil-kura bejn is-sessi.[9] Għalkemm il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qed tiżdied, xorta tibqa' iktar baxxa mir-rata ta' parteċipazzjoni tal-irġiel. L-ogħla diskrepanza fl-impjieg teżisti għal ommijiet u nisa b'responsabbiltajiet ta' għoti ta' kura, fejn aktar minn 22 fil-mija tan-nisa li mhumiex impjegati jiddikjaraw li telqu mix-xogħol minħabba responsabbiltajiet ta' għoti tal-kura domestika.[10] Wieħed mill-modi kif tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni huwa permezz tad-"Direttiva tal-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata", li tippromwovi l-qsim tar-responsabbiltajiet tal-kura b'mod ugwali bejn il-ġenituri. Madankollu, is-sejba ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata hija partikolarment diffiċli għall-ġenituri waħedhom, li ħafna minnhom huma nisa.[11] In-nisa jwettqu wkoll l-ikbar parti ta' xogħol mhux imħallas. Għaldaqstant, mhuwiex biss kruċjali li r-responsabbiltajiet fid-dar jinqasmu b'mod ugwali, iżda huwa essenzjali wkoll li tkun disponibbli kura tat-tfal, kura soċjali u servizzi domestiċi, b'mod partikolari għal ġenituri waħedhom. Barra minn hekk, ir-rappreżentanza baxxa ta' xi nisa fis-suq tax-xogħol ħafna drabi tirriżulta minn tisħiħ intersezzjonali tas-sessi b'kundizzjonijiet addizzjonali ta' vulnerabbiltà jew emarġinazzjoni bħal dawk li jappartjenu f'minoranza etnika jew reliġjuża[12] jew li għandhom sfond ta' migrazzjoni. Il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-setturi tal-PHS għalhekk ma tindirizzax biss il-kwistjonijiet ta' diskrepanzi fl-impjiegi u l-pagi, il-pensjonijiet u l-kura għall-utenti, iżda fl-istess ħin toħloq opportunitajiet ta' impjieg fis-setturi tal-kura tat-tfal, tal-kura soċjali u tas-servizzi domestiċi, b'hekk tkun ta' benefiċċju doppju fil-ġlieda kontra d-diskrepanzi fil-pagi u l-pensjonijiet għan-nisa, li x'aktarx jippersistu taħt kundizzjonijiet ta' arranġamenti informali tax-xogħol.

Il-provvista tal-impjegati tal-PHS tista' tikber billi tintuża l-forza tax-xogħol eżistenti tagħha mhux iddikjarata u billi tittrasferiha fl-ekonomija formali[13] kif ukoll billi jiġu indirizzati r-raġunijiet strutturali li jappoġġjaw dan ix-xogħol li qed isir mhux iddikjarat. It-tnaqqis tax-xogħol mhux iddikjarat fis-setturi kollha huwa diġà prijorità għall-Unjoni Ewropea, minħabba li "[qed ikun ta' dannu għall-]ekonomija tal-Unjoni, [qed iwassal] għal kompetizzjoni inġusta, [qed jipperikola] s-sostenibbiltà finanzjarja tal-mudelli soċjali tal-

---

[8] NU (2019).
[9] Kummissjoni Ewropea (2020a).
[10] Eurostat (2020); Katalizzatur (2019, ibbażat fuq id-data tal-Eurostat).
[11] Maldonado, Laurie C./Nieuwenhuis, Rense (2015).
[12] ENAR (2017).
[13] Kummissjoni Ewropea (2017a).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

Unjoni u [qed jirriżulta] f'nuqqas dejjem jikber ta' protezzjoni soċjali u okkupazzjonali għall-ħaddiema."[14] Fl-2016, ix-xogħol kollu mhux iddikjarat u sottorappurtat kien ta' 17.9 fil-mija tal-PDG tal-UE28 jew €2.36 triljun,[15] b'hekk jirrappreżenta telf sinifikanti fid-dħul potenzjali tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. *Tabilħaqq, PHS huwa t-tielet l-iktar qasam ta 'impjieg identifikat b'mod komuni għal xogħol mhux iddikjarat*.[16] Lebrun (2020) jistma għal 3,1 miljun (stima prudenti) in-numru ta 'ħaddiema PHS mhux iddikjarati, li jammonta għal ħaddiem wieħed minn tlieta fis-settur madwar l-Ewropa. F'pajjiżi mingħajr attivitajiet PHS żviluppati, l-istatistika saħansitra tissuġġerixxi li sebgħin fil-mija<FOOTNOTE> tal-impjegati PHS qed jaħdmu fl-ekonomija s-sewda.[17] L-iżvilupp ta' miżuri ta' politika u oqfsa regolatorji u leġiżlattivi li jappoġġjaw alternattivi għal xogħol ta' PHS mhux iddikjarat għandu jkun prijorità tal-UE biex tagħmel progress fil-ġlieda kontra xogħol mhux iddikjarat.

Il-popolazzjoni li qed tonqos ta' individwi fl-età tax-xogħol se tikkawża tfixkil bejn is-setturi, peress li l-impjegaturi jitħabtu biex jimlew il-postijiet vakanti li jkunu tħallew miftuħa mill-ħaddiema li jirtiraw. It-tisħiħ tas-suq tax-xogħol jeħtieġ li jiġu attivati iktar individwi. L-iżvilupp ta' suq robust u rregolat għall-PHS jista' jippermetti lill-individwi li bħalissa jwettqu kompiti ta' kura u jimmaniġġjaw ir-responsabbiltajiet domestiċi fl-isfera mhux imħallsa biex jirritornaw għall-parteċipazzjoni tagħhom f'impjieg imħallas jew iżidu din il-parteċipazzjoni. Għal darb'oħra, in-nisa jiffurmaw il-maġġor parti ta' dan il-grupp fil-mira, minħabba s-sovrarappreżentazzjoni tagħhom fl-isfera mhux imħallsa. Minħabba s-sinifikat dejjem jikber ta' kura domestika meta mqabbla mal-kura istituzzjonali, persuni mħarrġa għal xogħol ta' kura istituzzjonali għandhom ukoll jiġu tranżizzjonati għax-xogħol tal-PHS, speċjalment fir-rigward ta' kura domestika, pereżempju bl-użu taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Kura. Għalhekk, l-iżvilupp tal-PHS iservi wkoll biex jindirizza kemm il-ħtiġijiet ta' sostituzzjoni kif ukoll id-differenza fil-pagi bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol Ewropew usa'.

L-istudji jikkalkolaw li permezz ta' żvilupp akbar, is-setturi involuti fl-PHS għandhom il-potenzjal li joħolqu 5 miljun impjieg ġdid.[18] Il-PHS jistgħu joħolqu opportunitajiet professjonali għal miljuni ta' nies biex jagħmlu kontribuzzjonijiet sinifikanti fil-ħajja tal-oħrajn fl-Ewropa; kemm fil-professjonijiet tal-kura u f'dawk mhux tal-kura.[19] Huwa daqstant importanti li l-PHS jistgħu joffru opportunitajiet bħal dawn lil varjetà wiesgħa ta' ħaddiema minħabba li l-ostaklu għad-dħul huwa żgħir, is-sigħat huma flessibbli u r-rekwiżiti ta' taħriġ u esperjenza huma minimi, b'mod partikolari - iżda mhux biss - fil-qasam mhux tal-kura. Bħala tali, għalkemm dan mhuwiex l-objettiv, il-PHS jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-ħolqien ta' impjiegi għal nies li jiffaċċjaw ostakli biex isibu u jżommu impjieg, bħal nies bi kwalifiki li m'għadhomx jintużaw u nies li m'għandhomx kwalifiki u ħiliet formalment rikonoxxuti. Uħud minn dawn l-individwi huma fost l-20 fil-mija tal-Ewropej li għandhom bejn 25 u 54 sena li ma temmewx l-edukazzjoni sekondarja baxxa[20] u li għalhekk jistgħu jsibuha diffiċli biex jikkwalifikaw għal xogħol imħarreġ. Oħrajn jistgħu jkunu f'riskju li jitilfu l-impjieg minħabba l-awtomazzjoni. L-iżvilupp ta' impjiegi regolari ta' PHS jista' jgħin ukoll biex jintegra persuni li ilhom qiegħda għal żmien twil fil-forza tax-xogħol, grupp li jifforma madwar nofs il-

[14] Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill (2016: L 65/13).
[15] Pérez-Magro et al. (2017).
[16] Decker/Lebrun (2018: 9).
[17] Din l-istatistika probabbilment tikkonċerna l-impjegati li jaħdmu f'servizzi oħra għajr il-kura.
[18] Decker/Lebrun (2018).
[19] EASPD (2019a).
[20] Eurostat (2018a).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

persuni qiegħda kollha fl-UE 28.[21] Barra minn hekk, xi impjiegi fil-qasam mhux tal-kura jeħtieġu ħiliet lingwistiċi limitati li jippreżentaw opportunitajiet għal ħaddiema migranti minn Stati Membri oħrajn u pajjiżi terzi. In-nisa, li huma storikament aktar affettwati mix-xejriet tar-rata tal-qgħad, u li għandhom tendenza li jkollhom rati tal-qgħad ogħla fl-UE 28 mill-kontropartijiet maskili tagħhom,[22] diġà jiffurmaw madwar 90 fil-mija tal-impjegati tal-PHS.[23] Għandhom isiru sforzi sinifikanti biex tiżdied id-diversità tal-forza tax-xogħol, inkluż ir-reklutaġġ ta' aktar irġiel u l-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi. Barra minn hekk, għandhom jinħolqu perkorsi għall-iżvilupp professjonali u opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera, filwaqt li jkun żgurat aċċess ugwali għal dawn il-ħaddiema kollha.[24] Madankollu, importanti li wieħed jinnota li l-ħiliet u l-kwalifiki huma kruċjali għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-PHS, partikolarment għal oqsma fi ħdan PHS li huma rregolati professjonalment. L-enfasi fl-avvanz tal-PHS għalhekk għandha tkun fuq il-ħolqien ta' impjiegi attraenti għal kulħadd, pjuttost milli fuq il-fatt li dan is-settur ikun attraenti biss għal ħaddiema b'diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol.[25] Għax-xogħol kollu tal-PHS, jibqa' importanti l-fatt li t-tkabbir ma jkunx distrazzjoni mill-ħtieġa li jiġu attirati individwi li huma interessati u adattati sew għall-oqsma tax-xogħol li jeħtieġu livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-utent u l-impjegat, kif ukoll interess fit-tipi ta' attivitajiet u ħiliet meħtieġa minn diversi aspetti tal-PHS.

Filwaqt li s-settur tal-PHS joffri opportunitajiet ta' ħolqien ta' impjiegi mingħajr paragun, dan ma jseħħx mingħajr ma jkun żgurat li dawn il-professjonijiet ikunu attraenti għall-ħaddiema, b'mod partikolari meta mqabbla ma' oqsma oħra ta' xogħol li jeħtieġu livelli ta' kwalifika simili. Diġà hemm nuqqas sinifikanti fl-ammont ta' persunal fil-PHS madwar l-Ewropa, primarjament minħabba nuqqas ta' impjiegi attraenti kkawżati minn miżuri ta' awsterità.[26] Il-finanzjament xieraq tas-setturi rilevanti għalhekk huwa imperattiv, partikolarment meta niġu biex nikkumplimentaw politiki effettivi tal-PHS. L-iżgurar li l-finanzjament tas-setturi tal-PHS jimmira l-ħtiġijiet speċifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-ħaddiema[27] ser ikun kruċjali sabiex jinfetaħ il-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi tal-PHS b'mod sostenibbli.

L-iżvilupp u l-espansjoni ta' skemi ta' dħul u regolarizzazzjoni huma integrali biex tiġi estiża l-provvista tal-impjegati u iktar xogħol formalizzat. F'ħafna stati membri, l-arranġamenti informali ta' xogħol ma' nisa migranti jirrappreżentaw waħda mill-forom ewlenin ta' provvista tal-PHS. Dan ser jagħmilha aktar faċli għal ċittadini mhux tal-UE biex jiksbu permessi tax-xogħol għal impjieg fil-PHS. Dan jippermetti residenti attwali mingħajr dokumenti u ħaddiema eżistenti tal-PHS mhux iddikjarati biex jaħdmu regolarment u joħloq pipeline għal ħaddiema addizzjonali biex jemigraw lejn pajjiżi tal-UE biex jissodisfaw id-domanda li dejjem tikber.

Fl-2017, total ta' 4.4 miljun persuna emigraw f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE-28. Fost dawn l-4.4 miljun immigrant, kien hemm stima ta' 2.0 miljuni ta' ċittadini minn pajjiżi li mhumiex fl-UE, 1.3 miljun persuna b'ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE differenti minn dak li immigraw lejh, madwar 1.0 miljun persuna li

[21] Kummissjoni Ewropea (2019).
[22] Eurostat (2019a).
[23] Decker/Lebrun (2018).
[24] Federazzjoni tal-Impjegaturi Soċjali Ewropej (2019).
[25] Ir-regolamentazzjoni professjonali hija differenti skont il-pajjiż u xi kultant ukoll skont ir-reġjun. Għalkemm huwa komuni li s-servizzi tal-kura jiġu rregolati f'ħafna pajjiżi, ix-xogħol mhux tal-kura wkoll jista' jiġi rregolat, u b'hekk ikunu meħtieġa ħiliet u kwalifiki speċifiċi għall-impjieg.
[26] EASPD (2019a).
[27] EASPD (2019b).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

emigraw lejn Stat Membru tal-UE li kellhom ċittadinanza fih (pereżempju, ċittadini li rritornaw lejn il-pajjiż jew ċittadini mwielda barra mill-pajjiż), u xi 11-il elf persuna mingħajr stat.

Il-Ġermanja rrappurtat l-ikbar numru ta' immigranti totali (917.1 elf), segwita minn Spanja, Franza u l-Italja. Il-Ġermanja rrappurtat ukoll l-ogħla numru ta' emigranti (560.7 elf), segwita minn Spanja, Franza, ir-Rumanija u l-Polonja. Total ta' 22 Stat Membru tal-UE rrappurtaw iktar immigrazzjoni milli emigrazzjoni fl-2017, iżda fil-Bulgarija, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija n-numru ta' emigranti kien ikbar min-numru ta' immigranti.[28] Din id-dejta tissuġġerixxi tendenzi ta' migrazzjoni ċirkolari li jgħaqqdu lill-Ġermanja, Franza, l-Italja u Spanja mal-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Latvja u l-Litwanja, fejn ċittadini f'dan il-grupp imsemmi l-aħħar jibdew residenza wkoll fil-pajjiżi tal-ewwel grupp. Minbarra x-xogħol agrikolu staġjonali, dawn it-tendenzi ta' migrazzjoni jistgħu japplikaw ukoll għal kura fit-tul peress li l-kura fit-tul fil-Ġermanja, Spanja u l-Italja spiss tingħata minn ħaddiema domestiċi migranti li jgħixu d-dar u li jinbidlu fuq bażi ta' rotazzjoni. Barra minn hekk, porzjon konsiderevoli tan-nisa li jaslu minn pajjiżi mhux tal-UE bħall-Ukraina, il-Bożnja, is-Serbja jew il-Moldova jistgħu wkoll ikunu mistennija li jaċċettaw impjiegi fis-setturi assoċjati mal-PHS.

Skont is-sistema ta' migrazzjoni nazzjonali, in-nisa migranti li jwettqu xogħol domestiku fl-UE jista' jkollhom status ta' residenza regolari jew le. Filwaqt li f'xi stati membri, bħal Spanja jew il-Polonja,[29] hemm mekkaniżmi fis-seħħ li jippermettu r-regolarizzazzjoni[30] ta' migranti irregolari taħt ċerti ċirkostanzi, inkluż il-preżentazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol regolari, fi stati membri oħrajn, bħall-Ġermanja, regolarizzazzjoni a posteriori tal-migrazzjoni irregolari hija impossibbli. Madankollu, setturi tal-PHS żviluppati sew jagħmluha possibbli li ssir applikazzjoni għal permess ta' residenza regolari bbażat fuq kuntratt tax-xogħol qabel id-dħul fil-pajjiż.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li saru kemm pajjiżi li minnhom jitilqu ħaddiema domestiċi kif ukoll pajjiżi li jirċievu ħaddiema domestiċi, jista' jkollhom ir-rwol ta' ċinturin ta' trażmissjoni għal standards komuni Ewropej ta' taħriġ u kwalifika għal pajjiżi terzi wkoll. Iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Kura (ECC)[31] diġà huwa popolari fir-reġjun, fejn jintuża kemm bħala strument għat-taħriġ kif ukoll għall-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet. Fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet, ir-riċerka mwettqa fil-qafas tal-proġett preżenti tissuġġerixxi żewġ forom kumplimentari ta' mobilità: filwaqt li l-ħaddiema domestiċi ż-żgħar għandhom tendenza li jemigraw mill-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant lejn l-Istati Membri tal-Punent u tan-Nofsinhar, il-ħaddiema domestiċi ta' età medja spiss jixtiequ jerġgħu jistabbilixxu ruħhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Xi pajjiżi, bħas-Slovakkja, bdew inizjattivi sabiex joħolqu strumenti ta' appoġġ għad-dinamika msemmija l-aħħar, li jikkontribwixxu għal distribuzzjoni iktar uniformi tal-PHS madwar l-UE.

---

[28] Eurostat (2019b).

[29] Bejn l-2003 u l-2012, ġew introdotti tliet programmi ta' regolarizzazzjoni fil-Polonja. L-ewwel tnejn (2003 u 2007) ġew offruti lil residenti barranin irregolari fit-tul. Il-ħaddiema domestiċi migranti impjegati fil-Polonja ma tantx jistgħu japplikaw għal permessi ta' residenza taħt din l-iskema, minħabba perjodi ta' soġġorn fil-Polonja li huma iqsar minn dawk meħtieġa mill-programm. Madankollu, l-immigranti Ukrajni bbenefikaw mit-tielet programm ta' regolarizzazzjoni, peress li setgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti liberali ħafna (prova ta' għixien fil-Polonja għal mill-inqas ħames snin, mingħajr ebda permess biex jibqgħu fil-Polonja fil-mument meta ġiet introdotta l-liġi, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2012) (Kindler et al. 2016).

[30] Ara l-Glossarju.

[31] ECC (2015).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

Sabiex jiġi żgurat li l-PHS jkunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' gruppi differenti ta' utenti u impjegati, importanti li dawk li jfasslu l-politika jiffukaw fuq ir-regolarizzazzjoni tas-suq tal-PHS u l-professjonalizzazzjoni tal-impjiegi tal-PHS. Il-ħolqien ta' qafas regolatorju għal impjiegi deċenti għall-ħaddiema kollha tal-PHS b'ħinijiet tax-xogħol ġusti, paga ġusta u protezzjoni soċjali se jipprovdi motivazzjoni u jippermetti lill-ħaddiema li bħalissa mhumiex iddikjarati jibdew jagħmlu xogħol li hu ddikjarat. Dan se jippreżenta wkoll lill-PHS bħala linja tax-xogħol realistika u rispettabbli għal individwi li jikkunsidraw impjieg fil-PHS. Barra minn hekk, l-utenti ser jibbenefikaw mill-iżvilupp tas-setturi involuti fil-PHS, minħabba li r-regolamentazzjoni ttejjeb it-trasparenza u l-fiduċja. Filwaqt li qafas regolatorju jista' jinkoraġġixxi lill-utenti ta' xogħol mhux iddikjarat biex jagħżlu arranġamenti ta' xogħol formali wkoll, huwa meħtieġ wkoll investiment pubbliku f'dan il-qasam, sabiex is-servizzi jsiru aċċessibbli. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' standards fis-settur kollu u assigurazzjoni tal-kwalità jgħin sabiex jiġi żgurat li l-PHS ikunu siguri, affidabbli, disponibbli u bi prezz raġonevoli għall-individwi kollha li jiddependu fuq dawn is-servizzi.

Minkejja l-ammont kbir ta' fatturi li jappoġġjaw l-espansjoni u r-regolamentazzjoni tal-politiki tal-PHS, dawn huma kkritikati wkoll. Xi kritika tindirizza l-użu ta' fondi pubbliċi biex jiġu ssussidjati servizzi tal-PHS għal popolazzjonijiet mhux vulnerabbli.[32] Dawk li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-PHS jindikaw pajjiżi bħall-Iżvezja, il-Belġju u Franza,[33] fejn l-effett ta' rkupru mill-istrumenti eżistenti tal-PHS, permezz tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali ta' ħaddiema tal-PHS mhux iddikjarati jew qiegħda kif ukoll iż-żieda fit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet ta' utenti tal-PHS attivati mill-ġdid jew attivati iktar, jiġġustifikaw l-infiq pubbliku.[34] Barra minn hekk, effetti indiretti ta' rkupru bbażati fuq esternalitajiet pożittivi, bħal dawk marbutin ma' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata,[35] jistgħu jiġu osservati wkoll.

Kummenti kritiċi oħrajn iqisu li d-diskors attwali dwar il-PHS ma jindirizzax biżżejjed il-kura personali u l-ħtiġijiet tad-dar tal-impjegati tal-PHS,[36] speċjalment tal-ħaddiema migranti tal-PHS, li l-familji tagħhom ma jistgħux jemigraw magħhom. Dawk li jappoġġjaw l-espansjoni tal-PHS josservaw li l-professjonalizzazzjoni ta' dan ix-xogħol tippermetti lill-impjegati tal-PHS jikkontribwixxu u jibbenefikaw minn xbieki tas-sigurtà soċjali, bħal pensjonijiet, assigurazzjoni tal-inċidenti u liv minħabba mard, u jitolbu kuntratti ġusti, biex b'hekk ipoġġu lilhom infushom u lill-familji tagħhom f'pożizzjonijiet aktar stabbli mill-arranġamenti informali alternattivi.[37] L-iżgurar ta' trattament ugwali għall-ħaddiema migranti u l-possibbiltà li dawn jgħixu mal-familji tagħhom, flimkien ma' miżuri li jappoġġjaw iċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tal-ħiliet huma wkoll kruċjali f'dan il-kuntest.

Hemm ukoll kritika soċjali li tħares lejn ir-relazzjonijiet bejn is-sessi u l-klassijiet fil-PHS, peress li ħafna mill-impjegati tal-PHS huma nisa u ħafna mill-utenti tal-PHS huma nisa wkoll.[38] Minkejja żidiet fl-aħħar deċennji fix-xogħol imħallas tan-nisa, in-nisa fl-UE għadhom jagħmlu medja ta' 3.5 sigħat kuljum ta' xogħol tad-dar mhux imħallas meta mqabbel ma' 1.5 sigħat magħmula mill-irġiel.[39] Il-kritiċi jaffermaw li l-iżvilupp

[32] Carbonnier/Morel (2015).
[33] Ministeru Franċiż tal-Ekonomija u l-Finanzi (2016).
[34] IMPact (2014a).
[35] Ara l-elementi teoretiċi tas-"Sussidji Pigovjani": Is-sussidji għas-settur tal-PHS jintużaw biex jinkoraġġixxu l-imġiba (aktar unitajiet domestiċi b'hekk qed jużaw impjieg legali) li għandhom effett pożittiv x'imkien ieħor (eż. bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata) jew għas-soċjetà.
[36] Morel (2015).
[37] IMPact (2014a).
[38] Morel (2015).
[39] Decker/Lebrun (2018).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

ta' suq tal-PHS għas-servizzi sempliċement jittrasforma kwistjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi fi kwistjoni ta' klassijiet, billi jinkoraġġixxi u jippermetti nisa kkwalifikati, ta' klassi medja u għolja jesternalizzaw ix-xogħol mhux imħallas tagħhom u x-xogħol ta' kura lil nisa bi kwalifiki baxxi u inqas dħul.[40] Il-fatt li porzjon sinifikanti ta' ħaddiema nisa fis-settur huma wkoll nisa ta' kulur, iżid mad-dimensjoni ta' diskriminazzjoni razzjali u etnika u l-inugwaljanza stabbilita. Madankollu, dawk li jappoġġjaw il-PHS jirrikonoxxu li l-iżvilupp tal-PHS jappoġġja iktar parteċipazzjoni min-nisa fil-forza tax-xogħol, kemm bħala impjegati tal-PHS kif ukoll f'setturi oħrajn.[41] B'mod partikolari fil-każ tal-għoti ta' kura fit-tul għall-qraba, il-PHS jistgħu jfissru d-differenza bejn li n-nisa jibqgħu fl-impjieg u li n-nisa jitilqu mix-xogħol temporanjament jew b'mod permanenti jew jaħdmu fuq bażi part-time sabiex iwettqu l-kompiti ta' kura. Fir-rigward tal-kura, il-ħtieġa għall-PHS tinqasam bejn id-djar, irrispettivament mill-istatus tad-dħul tagħhom. Filwaqt li xi pajjiżi Ewropej, bħall-Belġju, għamlu l-PHS affordabbli[42] għal djar bi dħul baxx ukoll, f'pajjiżi Ewropej oħrajn, bħall-Ġermanja, id-djar bi dħul pjuttost għoli huma dawk li jgawdu minn appoġġ pubbliku dirett lejn il-PHS. Dan jissottolinja wkoll kif il-formalizzazzjoni trid timxi fuq l-għoti ta' impjiegi deċenti, b'pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni soċjali, taħriġ u opportunitajiet għal tkabbir professjonali, u kampanja pubblika biex jiġi indirizzat kif ix-xogħol tal-PHS jitqies fis-soċjetà. Rigward dan tal-aħħar, id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-reliġjon, il-ġeneru, ir-razzja u l-oriġini soċjali u l-intersezzjonalità tagħhom għandhom jiġu indirizzati wkoll.

Mingħajr ma tiġi injorata l-validità ta' ċerti kritiki, importanti li wieħed jinnota li l-PHS jeżistu u se jkomplu jikbru. Minflok ma nħallu t-tħassib ikun iċ-ċentru tad-diskors, importanti li dawn il-kritiki u l-isfidi jiġu kkunsidrati, sabiex jiġu żviluppati attivitajiet formali professjonali u sostenibbli tal-PHS fl-Istati Membri kollha interessati. Meta jsir dan, l-individwi li jaħdmu fis-setturi assoċjati se jkollhom aċċess għal kundizzjonijiet, benefiċċji u pagi aħjar, u l-individwi li jeħtieġu l-PHS se jkunu jistgħu jkollhom aċċess għal servizzi affidabbli u affordabbli ta' kwalità għolja.

## Definizzjoni tal-PHS

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tiddiskuti l-PHS billi tuża t-terminu "xogħol domestiku", definit fl-Artikolu I tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189 bħala "xogħol imwettaq fi jew għal unità domestika waħda jew aktar minn waħda", u tispeċifika li "persuna li tagħmel xogħol domestiku okkażjonalment jew sporadikament biss u mhux fuq bażi okkupazzjonali mhijiex ħaddiema domestika." [43] Sal-lum, il-Konvenzjoni Nru 189 ġiet ratifikata minn seba' Stati Membri tal-UE: il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u l-Iżvezja.[44] L-enfasi ta' din id-definizzjoni hija fuq il-post tax-xogħol – id-dar – u fuq it-tipi ta' ħaddiema koperti mid-definizzjoni tagħha. Din tiffoka, b'mod xieraq, fuq id-drittijiet tal-ħaddiema impjegati fid-dar.

---

[40] Morel (2015).
[41] Manoudi et al. (2018), Kummissjoni Ewropea (2018a).
[42] Fil-Belġju, madwar terz tal-utenti tal-vawċers tas-servizz huma unitajiet domestiċi bi dħul baxx, bi dħul nett fix-xahar ta' inqas minn €2,500 fix-xahar (FEIS 2018).
[43] ILO (2011).
[44] Il-Konvenzjoni se tidħol fis-seħħ għall-Iżvezja fl-4 ta' April 2020.

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

Id-definizzjoni tal-PHS użata mill-Kummissjoni Ewropea fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-2012 tagħha "dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-impjiegi tas-servizzi personali u domestiċi" tiddefinixxi l-PHS bħala "[li jkopru] firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jikkontribwixxu għall-benessri fid-dar tal-familji u tal-individwi: il-kura tat-tfal (CC), il-kura fit-tul (LTC) għall-anzjani u għall-persuni b'diżabbiltajiet, it-tindif, it-tagħlim rimedjali, it-tiswijiet fid-dar, il-ġardinaġġ, is-sostenn tal-ICT, eċċ."[45] Dawn id-distinzjonijiet bejn il-kura u x-xogħol mhux tal-kura fil-PHS se jiġu diskussi aktar fit-taqsima li jmiss. Meta taħseb dwar il-PHS f'termini ta' gruppi ta' utenti u l-għanijiet tagħhom, kif ukoll dwar il-kompiti speċifiċi inklużi fit-terminu, l-UE tinkwadra lill-PHS bħala parti mis-suq tax-xogħol formali, ekwivalenti għal oqsma ta' attività oħrajn fis-suq tax-xogħol formali.

Fil-livell tal-Istati Membri, id-definizzjonijiet tal-PHS spiss huma inkwadrati permezz tal-iżvilupp ta' diversi politiki u strumenti għall-promozzjoni tax-xogħol tal-PHS. Pereżempju, il-Pjan Borloo fi Franza ddefinixxa s-Servizzi Personali[46] skont 25 attività speċifika identifikati f'digriet tal-2005. Sal-lum, il-lista tinkludi kemm servizzi ta' kura kif ukoll dawk li mhumiex ta' kura. Il-Ġermanja, għall-kuntrarju, tiddefinixxi "impjieg relatat mad-dar,"[47] fuq il-bażi tal-pożizzjoni tiegħu fil-kodiċi tat-taxxa Ġermaniż. Ix-xiri ta' servizzi relatati mad-dar li normalment jitwettqu minn membri tal-familja u li jsiru ġewwa d-dar, jintitola lill-unitajiet domestiċi għal tħassir tat-taxxa. Din id-definizzjoni tħalli lill-PHS miftuħin għal interpretazzjoni wiesgħa ta' attivitajiet. Il-Belġju jiddefinixxi s-servizzi personali jew lil dawk imsejħa "servizzi ta' prossimità" skont l-attivitajiet li għalihom jista' jintuża l-istrument tal-vawċer tas-servizzi ("titres-services") tiegħu, jiġifieri tindif tad-dar, ħasil, mogħdija, tħejjija tal-ikel, xiri, eċċ. Id-definizzjoni teskludi servizzi tradizzjonali ta' kura,[48] li huma disponibbli permezz ta' strumenti oħrajn, pereżempju fis-sistemi tas-saħħa u tas-servizzi soċjali. Fl-Iżvezja, żewġ skemi ta' inċentivi fiskali komplementari, RUT u ROT, li jiffukaw fuq ix-xogħol domestiku u r-rinnovazzjonijiet fid-dar, rispettivament, jirrappreżentaw l-enfasi għad-definizzjoni ta' servizzi personali.[49] Madankollu, il-kura tal-anzjani u tal-persuni b'diżabilità kif ukoll tat-trabi żgħar huma wkoll eliġibbli għal rifużjoni tat-taxxa fis-sistema RUT.[50] Is-servizzi tal-kura huma pprovduti wkoll permezz ta' strumenti oħrajn. Fir-Rumanija, ma hemm ebda definizzjoni speċifikata ta' PHS. Is-servizzi tal-kura personali huma koperti mid-definizzjoni ta' servizzi soċjali, li jirrappreżentaw l-attività jew il-grupp ta' attivitajiet imwettqa sabiex jirrispondu għall-bżonnijiet soċjali kif ukoll għall-ħtiġijiet speċjali tal-individwi, familji jew gruppi, sabiex jiġu megħluba sitwazzjonijiet diffiċli, ikun hemm prevenzjoni u azzjoni kontra r-riskju ta' esklużjoni soċjali, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u ż-żieda fil-kwalità tal-ħajja.[51] F'dan il-qafas, id-deċiżjoni tal-gvern 539/2005 tiddefinixxi s-servizzi domestiċi personali bħala servizzi offruti minn atturi speċjalizzati fuq il-kura u l-assistenza fid-dar. Dawn jinkludu kura u assistenza medika, appoġġ emozzjonali u pariri psikoloġiċi, kura paljattiva, servizzi domestiċi u servizzi tat-trasport. Fl-Estonja, il-PHS huma meqjusin ukoll bħala parti mis-sistema tas-servizz soċjali. L-Artikolu 17 tal-Att dwar l-Għajnuna Soċjali jiddikjara li: "Malli jingħata s-servizz domestiku, tingħata assistenza lil persuna f'attivitajiet li l-persuna ma tkunx tista' twettaqhom mingħajr assistenza personali minħabba raġunijiet relatati mal-istat

[45] Kummissjoni Ewropea (2012).
[46] Bil-Franċiż: "services à la personne."
[47] Bil-Ġermaniż: "haushaltsnahe Beschäftigungsverhältnisse."
[48] ORSEU (2013: 12).
[49] ORSEU (2013: 13).
[50] Skatteverket (2020).
[51] Ara l-Art. 27, Liġi 292/2011 tal-Liġi dwar l-Assistenza (Ministeru Rumen għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali 2011).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

tas-saħħa, il-kapaċità operattiva jew fiżika u l-ambjent soċjali iżda li huma essenzjali għall-ħajja fid-dar, bħat-tisħin, tisjir, tindif tal-abitazzjoni, il-ħasil tal-ħwejjeġ u x-xiri tal-ikel u oġġetti tad-dar u qadi oħra barra l-abitazzjoni."[52] Fl-Ungerija, liġi tal-2010, l-Att XC, tistipula li s-servizzi domestiċi jinkludu "attivitajiet relatati biss mal-provvista tal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa tal-ħajja ta' kuljum għall-persuni fiżiċi u persuni oħrajn li jgħixu fid-djar tagħhom" u tinkludi lista tas-servizzi rilevanti inklużi kemm l-attivitajiet tal-kura kif ukoll dawk mhux tal-kura.[53] L-Att XC tal-2010 jeħtieġ li l-utenti jħallsu miżata ta' reġistrazzjoni kull xahar, maħsuba biex tgħin iżżid il-viżibbiltà tal-PHS. Jekk l-utent ma jirreġistrax il-ħaddiem tal-PHS, l-utent imbagħad ikun responsabbli biex iħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegat għal dak ix-xahar. Inkella, l-utent u l-impjegat ma jkunux responsabbli biex jiddikjaraw id-dħul tal-impjegat u l-utent ma jkunx responsabbli għall-kontribuzzjoni soċjali f'isem l-impjegat.[54] Din il-miżura tirrappreżenta l-verżjoni bbażata fuq il-ġeneru tal-iskema tax-xogħol pubbliku, li tobbliga lil dawk li jirċievu l-ħlasijiet ta' għajnuna soċjali biex jaħdmu tletin jum fis-sena.[55] "Fil-Polonja, pereżempju, "ħaddiema domestiċi" huma kklassifikati f'impjiegi differenti fi ħdan il-klassifikazzjoni tal-okkupazzjonijiet u l-ispeċjalizzazzjonijiet (*klasyfikacja zawodów i specjalizacji*). Pereżempju, il-klassifikazzjoni tal-attivitajiet soċjali u domestiċi (*klasyfikacja działalności gospodarczej*) inkluża fil-grupp sebgħa u disgħajn il-kategorija "ħaddiema domestiċi li jimpjegaw unitajiet domestiċi" fl-2008.[56] Madankollu, xi pajjiżi, bħas-Slovakkja,[57] ma jirrikonoxxux formalment it-terminu "servizzi personali tad-dar" jew "xogħol domestiku". Madankollu, dan ma jfissirx li l-miżuri tal-politika soċjali biex jieħdu ħsieb persuni li jeħtieġu kura fid-djar privati ma ġewx u mhux se jittieħdu (eż. il-Liġi l-ġdida dwar is-Servizzi Soċjali fil-Bulgarija, fis-seħħ mill-2020), iżda li dawn il-miżuri jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fid-dettal u eżaminati dwar l-importanza tagħhom għas-settur tal-PHC.

Il-PHS jistgħu jkunu regolati fuq il-bażi tat-tip ta' servizz ipprovdut, iżda wkoll fuq il-bażi tar-relazzjoni ta' impjieg implikat. Ħafna pajjiżi jieħdu l-pożizzjoni li l-kunċett tal-PHS huwa magħmul minn diversi setturi differenti jew partijiet ta' diversi setturi differenti, li d-denominatur komuni tagħhom huwa l-post fejn isir ix-xogħol, jiġifieri d-dar. Fi Spanja, pereżempju, żewġ setturi ekonomiċi kompletament separati, regolati minn liġijiet differenti (il-kura soċjali bbażata fid-dar u s-servizzi domestiċi kontra d-djar bħala impjegaturi tal-persunal domestiku), jikkumplikaw l-iżvilupp ta' approċċ komuni għall-PHS.[58] Pereżempju, f'pajjiżi bħall-Ġermanja u l-Belġju, is-servizzi ta' tindif professjonali fi djar privati għandhom l-istess kodiċi NACE bħat-tindif industrijali. Fil-livell tal-UE wkoll, id-diskussjoni tal-PHS bħala settur unifikat hija kkumplikata b'mod ulterjuri minħabba l-kategorizzazzjoni attwali tagħha, billi l-attivitajiet tal-PHS huma koperti minn mill-inqas żewġ kodiċi NACE – NACE 88 "xogħol soċjali mingħajr akkomodazzjoni" u NACE 97 "unitajiet domestiċi bħala impjegaturi ta' persunal domestiku."[59] Dawn il-kodiċijiet jinkludu wkoll attivitajiet addizzjonali li mhumiex assoċjati mal-PHS, li jagħmluha diffiċli biex tinkiseb statistika preċiża tal-livelli ta' attività għall-ħaddiema tal-PHS. Filwaqt li l-fatt li l-PHS ġeneralment huma assoċjati ma' setturi differenti huwa r-riżultat ta' żviluppi storiċi kumplessi f'kull pajjiż u m'għandhomx ikunu kkunsidrati problematiċi

---

[52] Riigi Teataja (2019).
[53] ORSEU (2013: 14).
[54] ORSEU (2013: 50).
[55] Bódi/Farkas (2019).
[56] Kindler et al. (2016).
[57] CELSI (2020).
[58] 4Quality (2015b: 4).
[59] Decker/Lebrun (2018: 12).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

minnhom infushom, in-nuqqas ta' skambju u kunsiderazzjoni mogħtija lit-trikkib bejn is-setturi differenti involuti fil-PHS ma jirrapreżentax sfida.

Id-dokument preżenti se juża d-definizzjoni tal-UE għall-PHS, minħabba li din tintroduċi l-ħtieġa għal diskors madwar l-PHS li jindirizzaw il-kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol esperjenzati bejn is-setturi, bħall-professjonalizzazzjoni,[60] it-taħriġ u l-kumpens.

## Iż-Żewġ Komponenti Ewlenin tal-PHS: Servizzi ta' Kura u Mhux ta' Kura

Iż-żewġ kategoriji primarji ta' attivitajiet fil-PHS huma xogħol ta' kura u xogħol mhux ta' kura jew riproduttiv. Ix-xogħol tal-kura huwa pprovdut minn indokratur estern u jikkonċentra fuq il-persuna. Dan jappoġġja l-benessri fiżiku tal-individwi kif ukoll l-aċċess tagħhom għad-drittijiet tal-bniedem u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità.[61] Fil-każ tal-PHS, attivitajiet ta' kura jsiru fid-dar. Attivitajiet mhux ta' kura ġeneralment ikunu ċċentrati fuq oġġett, u jappoġġjaw il-manutenzjoni jew il-preparazzjoni ta' spazju jew oġġett (ara t-Tabella 2). Għalhekk, l-azzjoni li titma' jew tlibbes persuna tista' titqies bħala servizz ta' kura, filwaqt li t-tisjir ta' ikel jew it-tiswija tal-ħwejjeġ ikunu kkunsidrati bħala servizzi mhux tal-kura. Il-modi li bihom il-kura u n-nuqqas ta' kura huma distinti minn xulxin jistgħu jaffettwaw l-aspettattivi stipulati għall-impjegati, l-użi ta' strumenti u l-modi li bihom il-PHS jinftiehmu bħala qasam ta' attività.

**Tabella 1: Servizzi ta' Kura u Mhux ta' Kura**

| Servizzi ta' Kura (iffukati fuq il-persuni) | Servizzi Mhux ta' Kura (iffukati fuq oġġetti) |
|---|---|
| Appoġġ ta' persuni anzjani | Tindif |
| Appoġġ ta' persuni b'diżabilità | Tisjir |
| Kura tat-tfal | Ġardinaġġ |
| | Tiswijiet bażiċi fid-dar |

Sors: Cylus and Rand (2019).

Ħafna drabi, huwa preżunt li x-xogħol ta' kura u mhux ta' kura jitwettaq minn impjegati differenti tal-PHS. Madankollu, dan għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fid-dawl tad-diskors li qed jiżviluppa madwar il-PHS, billi s-servizzi u l-attivitajiet inkorporati mill-PHS jistgħu jidhru f'diversi arranġamenti u kostellazzjonijiet u jitrikkbu fuq xulxin. Dan it-trikkib iċajpar il-linja bejn l-attivitajiet ta' kura u dawk mhux ta' kura u bejn il-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' kura u dawk li jagħmlu xogħol mhux ta' kura. Pereżempju, is-servizzi mhux ta' kura ġeneralment huma magħmulin minn attivitajiet li jistgħu jitwettqu minn membri ta' unità domestika, għalkemm huwa ċar li dan mhuwiex il-każ għal ħafna utenti tal-PHS li huma anzjani jew li għandhom diżabilità. Fil-każ tal-PHS, dawn huma esternalizzati b'mod eliġibbli għall-paga lil membri li

[60] Ara l-Glossarju.
[61] EASDP (2019a).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

mhumiex fl-unità domestika. Utenti tal-PHS li huma anzjani jew li għandhom diżabilità, madankollu, jistgħu ma jkunux fiżikament kapaċi jwettqu attivitajiet mhux ta' kura b'mod indipendenti, u għalhekk jeħtieġu appoġġ għal attivitajiet tradizzjonali mhux ta' kura. Dan iqajjem id-domanda dwar jekk il-karatterizzazzjoni ta' attività tal-PHS bħala kura mqabbla man-nuqqas ta' kura għandhiex tkun determinata mill-bżonnijiet u l-ħiliet tal-utent pjuttost milli n-natura tal-attività nnifisha. Dan juri wkoll l-importanza li jitqies l-iskop ta' attività, kif ukoll il-qafas, il-finanzjament u aspetti oħra tagħha biex jgħinu li ssir distinzjoni bejn servizzi ta' kura u mhux ta' kura u tinżamm id-distinzjoni bejn it-tnejn li huma meta dan ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, f'xi arranġamenti tax-xogħol, l-impjegati tal-PHS huma mitluba jew mistennija jwettqu attivitajiet barra l-ambitu ġenerali tar-rwol tagħhom. Pereżempju, fornitur tal-kura jista' jgħin lil persuni anzjani jew persuni b'diżabilità billi jippreparalhom l-ikel jew iwettaq tindif. Għall-kuntrarju, il-fornituri mhux tal-kura fi djar li għandhom anzjani, persuni b'diżabilità jew tfal żgħar jistgħu jaraw li l-kompiti tagħhom jiġu estiżi biex jinkludu attivitajiet ġeneralment assoċjati mal-kura. Il-kapaċità ta' individwu li jaqleb minn xogħol ta' kura għal xogħol mhux ta' kura jew viċi versa, sa ċertu punt huwa kwistjoni tas-sett ta' ħiliet ta' dik il-persuna u ta' kif ikun ġie stabbilit l-arranġament tal-impjieg.

Madankollu, huwa importanti wkoll li jiġu rrispettati d-differenzi bejn l-attivitajiet ta' kura u dawk li mhumiex ta' kura, minħabba r-responsabbiltajiet, il-ħiliet u l-profili tax-xogħol differenti li jinvolvu. Il-kwistjoni tal-għoti ta' appoġġ ta' kuljum lil persuna vulnerabbli hija kwistjoni sensittiva ħafna, li tirrikjedi taħriġ u ħiliet adegwati li għandhom ikunu rikonoxxuti bħala tali. L-impatt li jista' jkollu żball magħmul minn ħaddiem li jieħu ħsieb in-nies fuq il-ħajja ta' xi ħadd – f'ħafna ċirkostanzi – huwa ħafna iktar serju, minn dak ta' ħaddiem fid-dar li jagħmel xogħol mhux ta' kura, pereżempju jagħmel tindif jew ġardinaġġ. Filwaqt li huwa importanti li jiġi diskuss trikkib possibbli, huwa daqstant importanti li r-responsabbiltajiet differenti li jista' jkollhom il-ħaddiema ma jiġux issimplifikati, sempliċement minħabba l-fatt li t-tnejn li humajisiru fid-dar ta' xi ħadd.

Xi strumenti jagħtu rendikont tat-trikkib bejn il-ħtiġijiet ta' kura u dawk ta' nuqqas ta' kura billi jħallu d-direzzjoni tar-riżorsi fid-diskrezzjoni tal-utent, filwaqt li oħrajn jispeċifikaw b'mod ċar kif u għal liema raġuni jista' jintuża strument. Pereżempju, l-allowance għall-attendenza fl-Italja hija benefiċċju fi flus iddisinjat biex joffri appoġġ lil persuni anzjani u persuni b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti. Dan mhuwiex mezz ittestjat u l-fondi jistgħu jintefqu skont il-bżonnijiet tar-riċevitur. Għalkemm dan l-istrument jippermetti t-trikkib tal-ħtiġijiet tal-kura u dawk mhux tal-kura, ma jipprijoritizzax neċessarjament ix-xogħol iddikjarat, u wkoll mhuwiex disponibbli biżżejjed biex jissodisfa d-domanda.[62] Fir-Repubblika Ċeka, l-allowances għall-kura kull xahar jimmiraw ukoll lejn popolazzjonijiet vulnerabbli, iżda dan il-benefiċċju tal-flus ibbażat fuq il-ħtiġijiet jispeċifika li l-flus għandhom jintefqu fuq għajnuna għall-kura fid-dar u/jew kura pprovduta bis-servizzi soċjali.[63] Fi Spanja, strument imsejjaħ il-liġi tad-dipendenza tipprovdi għajnuna lill-individwi vulnerabbli bbażata fuq il-ħtiġijiet tagħhom. Għalkemm xi għajnuna tingħata direttament bħala servizzi in natura, f'xi każijiet din tista' tingħata bħala benefiċċju finanzjarju, biex tintuża għal servizzi ta' kura u mhux ta' kura.[64] Fatt interessanti huwa li l-benefiċċju jista'

[62] Manoudi et al. (2018).
[63] 4Quality (2015a: 7).
[64] IMPact (2014c).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

jħallas ukoll ħaddiema informali, u f'xi każijiet jiġi użat biex iħallas lil membri tal-familja biex iservu bħala persuni li jipprovdu kura, pjuttost milli jiġu impjegati ħaddiema esterni tal-PHS.[65]

Strumenti oħrajn jiffokaw fuq servizzi partikolari, iżda huma miftuħa għall-gruppi tal-utenti kollha. Pereżempju, il-vawċers tas-servizzi ("titres-services") Belġjani jistgħu jinxtraw minn kulħadd, iżda jintużaw esklussivament għal servizzi relatati mar-riproduzzjoni mhux ta' kura.[66] Fl-Iżvezja, l-istrumenti RUT u ROT huma miftuħin għall-gruppi ta' utenti kollha, madankollu s-servizzi huma ffokati prinċipalment fuq attivitajiet mhux ta' kura li ma jeħtieġu ebda taħriġ speċifiku u jsiru fid-dar.[67]

Żvilupp ulterjuri tal-PHS jista' jgħin biex jiġi identifikat liema ħiliet huma meħtieġa għal liema kompiti. Dan jista' jindika fejn jista' jkun utli t-taħriġ jew jekk iċ-ċertifikazzjonijiet[68] jistgħux jgħinu lill-impjegati jwessgħu l-ħiliet tagħhom u joħolqu aktar trasparenza lill-utenti dwar is-servizzi li jistgħu jipprovdu l-impjegati u l-intrapriżi. Opportunitajiet ta' taħriġ u ta' trasparenza tal-ħiliet akbar jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li l-aspettattivi wiesgħin tal-utenti tal-PHS ikunu allinjati aħjar mal-limitazzjonijiet tal-istrumenti ta' politika u li l-impjegati tal-PHS ikunu kwalifikati u jkollhom il-ħiliet meħtieġa biex jibbenefikaw minn strumenti definiti b'mod iktar strett.

Huwa importanti li r-rikonoxximent tal-ħiliet jiġi marbut ma' bidliet fil-paga, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-perkorsi tal-karriera. Ir-rikonoxximent ta' trikkib potenzjali f'ħiliet bejn elementi differenti ta' PHS m'għandux iwassal biex idgħajjef il-valur mogħti lil tali ħiliet, inklużi l-bidliet imsemmijin qabel.

Id-differenza bejn kura u nuqqas ta' kura għandha wkoll implikazzjonijiet fuq kif il-PHS jinftiehmu fis-setturi li jkunu assoċjati magħhom u jista' jkollha impatt fuq l-organizzazzjoni. Pereżempju, fil-Finlandja, il-ħaddiema mhux tal-kura huma organizzati minn union separata, PAM (Palvelualojen Ammattilitto), minħabba li huma kkunsidrati bħala impjegati privati, ġeneralment impjegati direttament mill-unitajiet domestiċi. B'kuntrast ma' dan, ħafna ħaddiema fil-Finlandja li jipprovdu kura huma impjegati pubbliċi u għalhekk huma organizzati minn unions tas-settur pubbliku. B'mod simili, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi fil-Finlandja jirrikonoxxu wkoll din id-differenza pubblika/privata.[69] F'pajjiżi oħrajn, hemm organizzazzjonijiet ta' impjegaturi differenti li jirrappreżentaw aspetti differenti tal-PHS u jikkonsultaw mat-trejdjunjins li jirrappreżentaw lill-ħaddiema impjegati fis-subsetturi rispettivi tal-PHS.

## Arranġamenti tax-Xogħol

Id-definizzjoni u l-fehim tal-PHS jeħtieġ li wieħed ikollu idea ċara rigward ir-relazzjonijiet bejn:

- **Utent**: l-individwu jew l-unitajiet domestiċi li jesternalizzaw attivitajiet tal-PHS;

---

[65] 4Quality (2015b: 6).
[66] Minkejja li huma miftuħin u aċċessibbli għall-gruppi tal-utenti kollha, il-vawċers tas-servizzi (titres-services) żviluppaw grupp ta' utenti partikolarment qawwi fost l-anzjani, li juri r-rwol kumplimentari jew supplimentari tal-arranġamenti tradizzjonali tal-kura u mhux tal-kura.
[67] Anxo/Ericson (2017).
[68] Iċ-ċertifikazzjonijiet fil-PHS ħafna drabi jirreferu għal servizzi mhux ta' kura, peress li l-professjonijiet tal-kura għandhom it-tendenza li jkollhom diplomi, eżamijiet formalizzati, u forom oħra ta' regolamenti.
[69] Mather (2015: 25).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

- **Impjegat:** il-ħaddiem imħallas biex iwettaq attivitajiet tal-PHS;
- **Organizzazzjoni:** intermedjarja li xi kultant tiġi mqabbda sabiex tipprovdi medjazzjoni fir-relazzjoni bejn utent u impjegat;

**Gvern:** l-istanza ċentrali li tistabbilixxi r-regoli billi tipprovdi finanzjament, toħloq u timplimenta standards legali, tiżviluppa strumenti, tirregola l-kuntratti u twettaq spezzjonijiet.

L-arranġamenti tax-xogħol bejn l-operaturi fil-PHS jieħdu forom differenti:

- **Impjieg dirett:** Għalkemm dan m'għadux it-tip ta' impjieg [70] ewlieni, huwa komuni f'ħafna pajjiżi inkluż Franza, Spanja, l-Italja, ir-Rumanija,[71] il-Ġermanja, in-Netherlands u Malta. Dan huwa kkaratterizzat mill-fatt li l-utent jaġixxi legalment bħala l-impjegatur ta' ħaddiem tal-PHS. Fl-Italja, Franza u l-Ġermanja negozjar kollettiv jinkludi wkoll arranġamenti ta' impjieg dirett, [72] filwaqt li fin-Netherlands u Malta, l-impjegati tal-PHS li huma impjegati b'mod dirett ma jibbenefikawx minn negozjar kollettiv.[73] F'xi pajjiżi, l-impjieg dirett jieħu l-forma ta' arranġamenti ta' għajxien fid-dar, li jfisser li l-impjegat jgħix mal-utent. Dan huwa partikolarment komuni f'pajjiżi Mediterranji, bħal Spanja.[74] Bit-tkabbir tal-baġits personali, kif ukoll tal-pjattaformi online, l-impjiegi diretti se jerġgħu jikbru, għalkemm forsi taħt forom differenti.
- **Intermedjarju jew fornitur tas-servizz:** L-arranġamenti ta' fornitur tas-servizz issa jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-arranġamenti tal-PHS fl-UE.[75] Il-forniment ta' servizzi tal-kura fid-dar ukoll ser jiżdied fil-futur bħala riżultat tal-aspettattivi li jinbidlu u l-impatt dejjem jikber tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-provvediment ta' kura soċjali; jiġifieri s-servizzi għandhom jiġu pprovduti fl-ambjent tan-nies.

F'dan l-arranġament, imsejjaħ relazzjoni ta' impjieg trijangolari, l-utent jagħmel kuntratt ma' organizzazzjoni esterna ta' parti terza biex tipprovdi servizzi tal-PHS. Dik l-organizzazzjoni timpjega ħaddiema individwali tal-PHS bħala impjegati li jaħdmu fi djar privati, iżda ġeneralment jirċievu pagi u benefiċċji permezz tal-organizzazzjoni. Il-Belġju għandu sistema ta' fornitur tas-servizzi żviluppata b'mod sod u sostnuta pubblikament, li l-istandards tal-impjieg tagħha huma stabbiliti minn ftehim kollettiv u l-intrapriżi huma responsabbli għall-amministrazzjoni tal-pagi u l-benefiċċji.[76] Il-Finlandja wkoll għandha arranġamenti intermedjarji b'saħħithom kif ukoll negozjar kollettiv b'saħħtu.[77] Varjant reċenti tal-arranġament intermedjarju jinvolvi l-iżvilupp ta' pjattaformi online. F'pajjiżi bħall-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka u l-Irlanda, qed jintużaw pjattaformi online biex isibu utenti li jaqblu ma' individwi li joffru attivitajiet ta' tindif, catering, kura tat-tfal/superviżjoni, artiġjanat u tiswijiet fid-dar.[78]

L-arranġament tal-fornitur tas-servizz jista' jinvolvi **individwi li jaħdmu għal rashom**, ħafna drabi x'aktarx f'servizzi mhux tal-kura. Fil-każ ta' fornituri tas-servizzi li jaħdmu għal rashom, l-"organizzazzjoni"

---

[70] Xi sorsi jindikaw li madwar 30 fil-mija tal-arranġamenti fl-UE bħalissa huma impjieg dirett, għalkemm din iċ-ċifra tista' tirrifletti b'mod iktar preċiż is-servizzi mhux ta' kura taħt NACE 97.
[71] Decker/Lebrun (2018: 17).
[72] Mather (2015: 28).
[73] Mather (2015: 28).
[74] Hobson/Bede (2015: 337).
[75] Decker/Lebrun (2018).
[76] Mather (2015: 21f.).
[77] Mather (2015: 28).
[78] Manoudi et al. (2018: 54).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

tikkonsisti kompletament mill-impjegat/sid l-intrapriża tal-PHS, li jagħmel kuntratt dirett mal-utenti. Jekk jirreġistra lilu nnifsu bħala impriża, l-impjegat/is-sid jista' jibbenefika minn karatteristiċi regolatorji tal-istrumenti nazzjonali, madankollu l-isfidi li ħafna drabi huma assoċjati ma' impjieg dirett, bħat-trasparenza, impjieg prekarju, id-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali għadhom problematiċi.[79] L-Iżvezja hija eżempju ta' pajjiż li fih il-fornituri tas-servizzi għandhom ikunu kumpaniji rreġistrati legalment sabiex jipparteċipaw fiż-żewġ strumenti primarji tal-PHS li permezz tagħhom l-utenti jkunu eliġibbli għal tnaqqis tat-taxxa. Billi dawn il-kumpaniji rreġistrati jistgħu jkunu entitajiet magħmulin minn individwu wieħed li jaħdem għal rasu,[80] fl-Iżvezja, l-intrapriża ħafna drabi hija sinonima mal-impjegat.

## Sfidi għall-Formalizzazzjoni tal-PHS

Filwaqt li l-impjieg dirett, l-impjieg intermedjarju u l-impjieg indipendenti huma eżempji tal-kostellazzjonijiet komuni tal-arranġamenti tax-xogħol regolari, l-ikbar sfida li tostakola l-iżvilupp tal-PHS hija l-propensità tagħhom lejn arranġamenti ta' xogħol mhux iddikjarati. F'ħafna każijiet, l-utenti u l-impjegati jibqgħu jagħżlu relazzjonijiet mhux iddikjarati, anke fil-preżenza ta' strumenti maħsuba biex jinċentivaw ix-xogħol iddikjarat, minħabba l-lakuni u n-nuqqasijiet fil-qafas regolatorju eżistenti. Uħud mill-impjegati m'għandhomx l-għażla li jiddikjaraw ir-relazzjonijiet tal-impjieg tagħhom, peress li huwa diffiċli jew mhux possibbli li ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu permessi tax-xogħol għal PHS. Fi żmien qasir, l-arranġamenti mhux iddikjarati huma spiss attraenti għall-utenti u l-impjegati. L-arranġamenti mhux iddikjarati ġeneralment jiswew inqas. Barra minn hekk, l-utenti jistgħu jiffrankaw xogħol amministrattiv żejjed u fil-każ tal-ħaddiema, in-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet soċjali u taxxi jista' jwassal biex il-ħlas fis-siegħa għal xogħol mhux iddikjarat ikunu ogħla milli dak għal xogħol iddikjarat. L-isfidi għall-formalizzazzjoni tal-PHS jistgħu jiġu kklassifikati skont l-isfidi relatati mal-aċċessibbiltà, is-sostenibbiltà, it-trasparenza u l-funzjonalità:

- **Aċċessibbiltà u sostenibbiltà tal-PHS:** F'ħafna każijiet, ix-xogħol mhux iddikjarat huwa meqjus bħala iktar affordabbli għall-utenti jew jirriżulta f'kumpens ogħla għall-impjegati. Il-vawċer Awstrijak, Dienstleistungsscheck (DLS), użat għal servizzi mhux ta' kura, huwa eżempju ta' strument li ġie kkritikat minħabba kwistjonijiet ta' finanzjament. Il-prezz għoli għal kull vawċer jagħmlu mhux attraenti u mhux kompetittiv għall-utenti meta mqabbel ma' xogħol mhux iddikjarat. Barra minn hekk, dan huwa meqjus bħala burokratiku u restrittiv wisq fir-rigward tat-tul tal-kuntratt (limitat għal xahar b'tiġdid) u l-limiti baxxi ta' qligħ.[81] In-nuqqas ta' benefiċċji inklużi tal-qgħad u tal-pensjoni jkompli jkun ta' diżinċentiv ta' din is-sistema għall-impjegati.[82]
- **Trasparenza u funzjonalità/sempliċità tar-regolamenti:** Ix-xogħol mhux iddikjarat jippersisti wkoll meta l-istrumenti huma kkunsidrati invażivi jew ikkomplikati wisq, jew meta ċerti utenti jew impjegati jiffaċċjaw ostakli biex jużaw l-istrumenti eżistenti jew ma jkunux konxji dwar jekk humiex

[79] F'xi pajjiżi tal-UE, meta l-ħaddiema migranti ma jkunux jistgħu jiksbu permess tax-xogħol bħala ħaddiema domestiċi, xi kultant ikunu jistgħu jirreġistraw bħala ħaddiema li jaħdmu għal rashom sabiex jaħdmu "b'mod regolari."
[80] IMPact (2014d).
[81] ILO (2016).
[82] Kummissjoni Ewropea (2017b).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

intitolati li jużaw strument jew le. Grupp wieħed ta' impjegati li huwa spiss affettwat jikkonsisti f'ċittadini ta' pajjiżi terzi, fuq il-bażi ta' kwistjonijiet ta' politika barra mill-PHS. Pereżempju, l-istatus tar-residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz jista' jagħmilha diffiċli għall-utent biex jimpjegah taħt il-liġijiet eżistenti. Fil-Belġju, minkejja sistema ta' vawċers żviluppata sew, l-arranġamenti mhux iddikjarati jippersistu meta jiġu ingaġġati migranti irregolari, minħabba sistema insuffiċjenti għar-regolarizzazzjoni permezz tax-xogħol [83]. Eżempju kontra dan huwa fil-każ tal-Italja, li fih il-ftehimiet kollettivi tal-PHS jinkludu ħaddiema mingħajr dokumenti. [84] It-trasparenza u l-funzjonalità jistgħu wkoll jillimitaw l-utenti. L-utent jista' ma jikkwalifikax biex jixtri PHS billi juża l-istrumenti disponibbli, minħabba li ma jissodisfawx ċerti kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel, bħall-età, l-istat tas-saħħa u d-dħul. Bl-istess mod, id-definizzjoni stretta ta' strument tista' teskludi s-servizzi li jeħtieġ l-utent.

## Valutazzjoni tal-Istrumenti li Jappoġġjaw l-Iżvilupp tal-PHS

Kif deskritt fit-taqsima ta' qabel, il-PHS ibatu minn nuqqas ta':

- Trasparenza tas-servizzi: l-estent sa fejn l-iskop u l-karatteristiċi ta' strument huma ċari u jistgħu jinftiehmu mill-partijiet kollha;
- Aċċessibbiltà tas-servizzi: il-kapaċità tal-utenti u tal-impjegati kollha li jużaw strument;[85]
- Funzjonalità tas-servizzi: l-estent sa fejn strument jaħdem kif maħsub;
- Sostenibbiltà tas-servizzi: il-grad sa fejn strument jista' jkompli jissodisfa l-ħtiġijiet tal-PHS tal-pajjiż għall-futur prevedibbli.

L-approċċi tal-politika eżistenti li jindirizzaw dawn l-isfidi jaqgħu fi tliet kategoriji: finanzjament, ġestjoni tal-proċessi u l-ġestjoni tal-kwalità. Fit-Tabella 2, l-approċċi possibbli għal kull sfida huma kkunsidrati mill-perspettiva tal-utenti u tal-impjegati.

[83] Magalhães (2015: 6).
[84] Mather (2015: 29).
[85] Nota: Kull strument ma jistax ifittex li jindirizza l-aċċessibilità għall-gruppi kollha. Pajjiż li jfittex li jiżviluppa settur tal-PHS robust u komprensiv ħafna drabi jiżviluppa strumenti uniċi li jindirizzaw kull grupp fil-mira separatament.

Dan il-proġett huwa
ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
(Ad-PHS - VS/2018/0344)

**Tabella 2: Sfidi għall-PHS u Approċċi Eżistenti**

| Sfidi | Approċċi għall-isfidi | | |
|---|---|---|---|
| | Finanzjament | Ipproċessar | Ġestjoni tal-Kwalità |
| **Trasparenza** | **Utent:** Il-politiki jipprovdu informazzjoni ċara u aċċessibbli pubblikament dwar l-ispiża tal-użu tal-istrumenti (eż. il-prezz tal-vawċers, pagi kull siegħa/kull xahar li għandhom jitħallsu lill-impjegat)<br><br>**Impjegat:** komunikazzjoni ċara dwar il-ħlas u l-pagi, inkluża informazzjoni dwar ftehimiet kollettivi | **Utent:** L-istrumenti jiċċaraw ir-rwoli tal-organizzazzjoni (meta disponibbli) u kif toħloq u tirreġistra kuntratti mal-impjegati<br><br>**Impjegat:** Ir-responsabbiltajiet tal-organizzazzjoni (jekk disponibbli) u tal-utent huma ċari, fir-rigward ta' kuntratti, ħlas, benefiċċji, kontribuzzjonijiet | **Utent:** L-istrument jipprovdi mod sempliċi biex jiġu evalwati l-ħiliet u r-reputazzjoni ta' organizzazzjoni jew impjegat qabel l-impjieg<br><br>**Impjegat:** Il-politiki li jipprovdu informazzjoni dwar opportunitajiet ta' taħriġ u ċertifikazzjoni, l-informazzjoni dwar liema ħiliet huma meħtieġa għal liema impjiegi huma ċari.<br><br>**Utent u Impjegat:** Ir-regolamenti/ill-ftehimiet kollettivi dwar l-impjieg huma ċari u magħrufin miż-żewġ partijiet. |
| **Aċċessibbiltà** | **Utent:** Investiment pubbliku biex jiġi żgurat li s-servizzi jistgħu jintużaw minn persuni b'diversi livelli ta' dħul | **Utent**: Il-proċessi huma faċli biex jintużaw (pereżempju l-kuntratti jistgħu jinħolqu faċilment, il-vawċers jistgħu jinxtraw faċilment) u l-postijiet għall-istrumenti tax-xiri huma konvenjenti | **Utent:** Informazzjoni dwar il-ħiliet tal-impjegati jew il-kwalità tal-organizzazzjoni hija disponibbli<br><br>**Impjegat:** It-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni huma disponibbli għall-impjegati kollha interessati. Ir-regolamenti dwar l-impjiegi inkluż il-monitoraġġ tax-xogħol, mekkaniżmi ta' ilmenti u rimedji jkopru l-impjegati kollha, irrispettivament mill-istatus. |
| **Funzjonalità** | **Utent:** Il-punt tal-prezz tal-istrument jappoġġja l-frekwenza tal-użu mixtieqa jew meħtieġa<br><br>**Impjegat:** L-istrument jirriżulta fil-ħlas mistenni u l-impjegati jirċievu biżżejjed xogħol biex jiġġustifikaw aktar involviment fil-qasam | **Utent u impjegat:** Il-proċessi jirriżultaw f'fornituri tas-servizzi li jistgħu jiġu identifikati faċilment b'mod ċar, u f'kuntratti ġusti li jistgħu jinftiehmu mill-partijiet kollha | **Impjegat:** L-istandards d-drittijiet minimi tal-impjieg huma infurzati.<br><br>**Utent u impjegat:** Offerti ta' taħriġ u ċertifikazzjoni jaqblu mal-ħtiġijiet eżistenti. |

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Sostenibbiltà** | **Ġenerali:** Effett ta' rkupru li jissodisfa jew jeċċedi l-investiment pubbliku<br>**Utent:** L-użu ripetut ta' strument huwa affordabbli<br>**Impjegat:** Il-livell tal-paga jippermetti lill-impjegat ikompli jissodisfa l-bżonnijiet finanzjarji proprji għall-awtosuffiċjenza, u l-kontribuzzjonijiet li jirriżultaw jipprovdu xibka ta' sigurtà | **Ġenerali:** uffiċċji għall-ipproċessar jidħlu fis-sistemi eżistenti ta' governanza, siti għall-bejgħ ta' strumenti<br>**Utent u impjegat:** il-proċessi jippermettu relazzjonijiet estiżi/kontinwi bejn l-utent u l-impjegat jekk mixtieq. Skemi ta' permessi tax-xogħol għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jippermettu arranġamenti ta' xogħol kontinwi, ġusti u regolari. | **Impjegat:** Il-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni jippreparaw lill-impjegat għal xogħol kontinwu fil-qasam u/jew ħiliet biex jipprepara għal xogħol b'ħiliet iktar għoljin. |

Sors: Cylus and Rand (2019).

## Il-Mekkaniżmi fl-Istrumenti tal-PHS

Il-mekkaniżmi mibnija fi strumenti tal-PHS jindirizzaw erba' sfidi direttament (ara t-Tabella 3), billi jikkunsidrawhom mill-perspettiva ta' attur wieħed jew aktar minn wieħed (l-impjegat, l-utent jew l-organizzazzjoni). L-isfidi għandhom jintlaħqu permezz ta' strateġiji jew approċċi differenti li jiffokaw fuq kif jistgħu jiġu mtejba l-iffinanzjar, il-ġestjoni tal-proċess u l-kwalità. Ħafna drabi mekkaniżmi multipli qegħdin jaħdmu simultanjament fi strument ta' politika wieħed. Huwa għalhekk li strumenti bħal, pereżempju, il-vawċers soċjali jidhru u jaġixxu b'mod differenti fi Stati Membri differenti.

**Tabella 3: Interazzjoni bejn il-Mekkaniżmi u l-Istrumenti**

| Mekkaniżmu | Strument | Manifestazzjoni tal-mekkaniżmu permezz tal-istrument |
|---|---|---|
| **Finanzjament** | Aġġustament jew eżenzjoni tal-kontribuzzjoni soċjali | L-istrumenti jistgħu jeżentaw lill-utenti jew lill-impjegati mill-kontribuzzjonijiet f'isem l-impjegat, bħall-pensjoni jew diversi assigurazzjonijiet. |
| | Tnaqqis fuq id-dħul jew kreditu | L-utenti jistgħu jkunu eliġibbli għal inċentivi fiskali bbażati fuq l-ammont ta' flus li jintefqu kull sena fuq il-PHS. |
| | Tnaqqis jew eżenzjoni tal-VAT | L-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-PHS jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis jew eżenzjoni mir-rati tal-VAT. |

Dan il-proġett huwa
ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
(Ad-PHS - VS/2018/0344)

| | | |
|---|---|---|
| **Ġestjoni tal-Proċess** | Vawċers soċjali | Il-vawċers soċjali jistgħu jgħinu biex jirregolaw u jissimplifikaw ir-reġistrazzjoni tal-impjegati u jiffaċilitaw l-aċċess għal mekkaniżmi ta' finanzjament. |
| | Uffiċċji amministrattivi ċentrali | L-uffiċċji amministrattivi jistgħu jagħmlu r-reġistrazzjoni tal-impjegati ċentrali u simplifikata. Huma jistgħu jipprovdu informazzjoni u appoġġ lill-utenti u lill-impjegati. |
| **Ġestjoni tal-Kwalità** | Programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni | Dawn l-offerti ta' kwalifika jgħinu biex jiżviluppaw il-ħiliet tal-impjegati u jipprovdu standards għall-kwalità biex tinbena l-fiduċja fost l-utenti. |
| | Marki u tikketti | L-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw marki u tikketti stabbiliti biex jassiguraw lill-utenti u jistabbilixxu standards fost l-impjegati. |

Sors: Cylus and Rand (2019).

Il-mekkaniżmi li jikkunsidraw il-**finanzjament** tal-PHS ħafna drabi jimmiraw li jnaqqsu l-ispejjeż tas-servizzi għall-utent filwaqt li jiżguraw li l-ħlas għall-impjegat jiżdied jew jibqa' kompetittiv mal-pagi tas-suq mhux iddikjarati. Barra minn hekk, ħafna servizzi ta' kura huma mistennija li jkunu mingħajr ħlas, mill-inqas f'uħud mill-pajjiżi kkunsidrati.

Il-vawċers soċjali għal servizzi li mhumiex ta' kura jistgħu jieħdu varjetà ta' forom. F'uħud, l-utenti jħallsu rata bil-quddiem biex jixtru l-vawċer, iżda l-impjegati ġeneralment jirċievu rata ta' ħlas supplimentata. Fi Franza, il-vawċers tas-CESU għandhom żewġ verżjonijiet ewlenin:

- **CESU Dikjarattiv:** Din il-formola sservi wkoll bħala dikjarazzjoni ta' impjieg dirett lill-gvern.[86] L-unitajiet domestiċi jirrappurtaw kemm ikun ħadem sigħat fix-xahar l-impjegat u l-paga netta għal kull siegħa. Is-CESU Dikjarattiv, imsejjaħ CESU, jappoġġja l-arranġamenti ta' impjieg dirett li jiddominaw fi Franza[87] u huwa kkombinat ma' kreditu tat-taxxa ta' 50 fil-mija. Il-paga fis-siegħa għandha tkun stabbilita 'il fuq mil-livell tal-paga minima.
- **CESU imħallas minn qabel**: Din il-formola għandha żewġ għażliet. Jista' jkun iffinanzjat u mqassam minn impjegatur lill-impjegati tiegħu/tagħha bħala benefiċċju addizzjonali mhux monetarju jew mill-gvernijiet lokali bħala benefiċċji soċjali. L-entitajiet ta' finanzjament jordnaw u jqassmu vawċers imħallsin minn qabel lil impjegati jew residenti fil-bżonn, rispettivament. Ir-riċevitur tal-vawċer jista' jużahom biex iħallas għall-bżonnijiet kollha tal-PHS jew parti minnhom.[88]

Fil-Belġju, l-utent jixtri ċertu numru ta' vawċers mingħand kumpanija emittenti u jagħti vawċer wieħed lill-impjegat għal kull siegħa maħduma. Il-prezz tal-vawċer huwa stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi. L-impjegat jippreżenta l-vawċers lill-organizzazzjoni intermedjarja, fejn ikun impjegat, u jirċievi paga regolari

[86] IMPact (2014b).
[87] Farvaque (2015: 3).
[88] IMPact (2014b); Kummissjoni Ewropea/EFSI (2018).

flimkien ma' benefiċċji lura. L-organizzazzjoni tibgħat il-vawċers lill-kumpanija emittenti u għalihom tirċievi somma ta' flus li tkun ġiet issussidjata minn fondi tal-gvern reġjonali.[89] Dan il-mudell jikkonforma mar-relazzjonijiet ta' impjieg trijangulari komuni fil-Belġju. Fil-każ ta' allowances ta' flus kontanti għall-kura, bħall-allowance Taljana għall-attendenza, l-utenti jirċievu somma speċifika ta' flus mill-gvern kull xahar, li jistgħu jużawha biex iħallsu l-prezz tas-suq għal servizzi direttament lil impjegat.[90]

L-istrumenti jistgħu jikklassifikaw ix-xogħol tal-PHS ukoll bħala kategorija speċifika ta' impjieg li tirrikjedi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali aktar baxxi, kif huwa l-każ bil-"Minijob" Ġermaniż. Minijobs jillimitaw lill-impjegati għal €450 fix-xahar mid-dħul jew għal impjieg limitat għal tliet xhur fis-sena. In-numru ta' sigħat li jistgħu jinħadmu huwa limitat mill-paga minima. Minħabba l-istatus tal-impjieg limitat tagħhom, il-ħaddiema impjegati taħt ir-reġim tal-Minijob huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-ammont ta' kontribuzzjonijiet min-naħa tal-impjegatur huma mnaqqas ukoll.[91] Filwaqt li x-xogħol domestiku mwettaq taħt l-iskema tal-Minijob ma jistax jitqies bħala ekwivalenti għal impjieg sħiħ, dan l-arranġament irriżulta li kien ta' benefiċċju għal ċerti tipi ta' ħaddiema[92] kif ukoll fil-prevenzjoni sa ċertu punt tal-użu ta' xogħol mhux iddikjarat, speċjalment fir-rigward tal-unitajiet domestiċi tal-anzjani.[93] Id-Dienstleistungsscheck fl-Awstrija għandu funzjoni ibrida, fejn l-utenti jħallsu kontribuzzjoni żgħira għall-assigurazzjoni tal-inċidenti tal-impjegati, madankollu l-pensjoni u l-assigurazzjoni tas-saħħa huma esklużi mill-ispejjeż tal-utent. L-impjegati jistgħu jagħżlu li jħallsu l-assigurazzjoni tal-pensjoni u tas-saħħa b'rata fissa fix-xahar.[94]

Il-finanzjament tal-istrumenti tal-PHS jista' jinvolvi wkoll sussidji tat-taxxa, li ġeneralment jibbenefikaw lin-naħa tal-utent, pjuttost milli l-impjegat jew l-organizzazzjoni. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' tnaqqis tat-taxxa jew kreditu tat-taxxa[95] kif ukoll rati mnaqqsa tal-VAT. L-istrument ġeneralment jispeċifika d-daqs massimu tal-kreditu tat-taxxa jew tnaqqis tat-taxxa, ikkalkulat fuq il-bażi tal-ħtieġa tal-unità domestika jew fuq rati fissi standard. B'xi strumenti, il-kumpaniji jistgħu wkoll jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji tat-taxxa meta jixtru vawċers soċjali u mbagħad iqassmuhom bħala benefiċċju mhux intaxxat lill-persunal tagħhom għax-xiri ta' servizzi tal-PHS. Żvantaġġ għall-benefiċċji tat-taxxa huwa li ħafna drabi huma inqas ta' benefiċċju għal utenti rtirati jew qiegħda, li mhux neċessarjament iħallsu t-taxxa fuq id-dħul.[96]

Il-mekkaniżmi tal-**ġestjoni tal-proċess** għandhom l-għan li jgħinu lill-atturi fil-PHS jinteraġixxu ma' xulxin iktar faċilment. Pereżempju, l-istrumenti jistgħu jiddeterminaw il-modi li bihom l-utenti jaċċessaw is-servizzi tal-PHS. Ix-xiri tal-vawċers soċjali jista' jsir iktar faċli billi dawn jinbiegħu f'gabbani jew online. Fil-Belġju, il-bejgħ tal-vawċers tas-servizz huwa organizzat fuq paġna web uffiċjali ffinanzjata u ġestita mill-awtoritajiet reġjonali, filwaqt li l-ġestjoni tas-sistema tal-vawċer tas-servizz ingħatat mit-tliet reġjuni

---

[89] Informatie Vlaanderen (2020).
[90] Grumiau (2012).
[91] Madankollu, ħaddiema tal-minijobs huma intitolati għal assigurazzjoni tal-inċidenti tal-impjegati.
[92] Dawn huma ħaddiema li għandhom disturbi fiżiċi, li ma jħossuhomx lesti biex jaħdmu barra mid-dar, persuni rtirati, li għandhom l-opportunità li jibqgħu attivi u jaqilgħu dħul addizzjonali, kif ukoll persni f'sitwazzjonijiet tranżitorji, li jfittxu punt ta' dħul ta' livell baxx fis-suq tax-xogħol.
[93] Larsen, Christa, kumment espert, 06.03.2020.
[94] Versicherungsanstalt öffentlicher Bediensteter, Eisenbahnen und Bergbau (2020).
[95] Tnaqqis tat-taxxa jbaxxi d-dħul taxxabbli ġenerali ta' individwu, filwaqt li kreditu tat-taxxa jnaqqas l-ammont ta' taxxa dovuta minn individwu.
[96] Biex jirrispondu għal din l-isfida, xi pajjiżi aġġustaw is-sistemi ta' benefiċċji tat-taxxa tagħhom biex il-persuni qiegħda jew il-pensjonanti jiġu rimborżati mill-awtoritajiet tat-taxxa.

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

Belġjani lil kumpanija waħda[97]. Dan jista' jissemplifika t-tranżazzjonijiet tal-vawċers għall-utenti (ix-xiri) u għall-impjegati kif ukoll għal intrapriżi intermedjarji (tifdija). L-istrumenti jistgħu jiffaċilitaw l-issettjar u r-rappurtar ta' kuntratti tax-xogħol bejn l-utenti u l-impjegati jew bejn l-utenti u l-intrapriżi. Pereżempju, il-Minijob fil-Ġermanja għamel sforzi biex jissimplifika r-rappurtar u r-reġistrazzjoni permezz tal-ħolqien ta' uffiċċju ċentrali, "Minijob-Zentrale."[98] Il-vawċer imsemmi qabel tas-CESU dikjarattiv fi Franza jissemplifika l-ħlas u d-dikjarazzjoni tal-impjieg.

Il-politiki **tal-ġestjoni tal-kwalità** għandhom l-għan li jimmotivaw lill-utenti u lill-impjegati biex jagħżlu attivament xogħol regolari u formali tal-PHS ibbażat fuq il-kwalità superjuri tiegħu meta mqabbel ma' xogħol mhux iddikjarat. Mekkaniżmi bħal programmi ta' taħriġ jew ċertifikazzjoni għall-impjegati u marki jew tikketti għal impjegaturi jindikaw konformità mar-regolamenti, għarfien tal-industrija, ħiliet u kapaċitajiet tal-impjegati u affidabbiltà. Dawn jistgħu jgħinu lill-utenti jsibu u jagħżlu impjegati, filwaqt li l-impjegati jistgħu jirreklamaw il-ħiliet tagħhom iktar faċilment lil utenti jew organizzazzjonijiet u jitolbu rati ogħla abbażi ta' ħiliet u punti ta' riferiment rikonoxxuti. Barra minn hekk, l-utenti u l-impjegati jiksbu għarfien dwar il-kwalità ta' intrapriżi intermedjarji bbażati fuq l-għarfien dwar marki u tikketti. Fuq livell inqas tanġibbli, l-iżvilupp ta' ħiliet u taħriġ għal attivitajiet ta' PHS jikkontribwixxu għas-sens ta' kisba tal-impjegati u jistgħu jgħinuhom jiksbu rispett ikbar mill-komunità usa'.

Franza kienet prekursur fl-iżvilupp tat-taħriġ u l-kwalifiki għall-PHS. Fis-sistema Franċiża, il-ħaddiema fi kwalunkwe settur jistgħu japplikaw biex l-esperjenzi professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti minn istituzzjoni edukattiva permezz ta' Ċertifikat ta' Esperjenza Vokazzjonali (VAE).[99] L-intrapriżi li jispeċjalizzaw fl-għoti ta' servizzi ta' kura għall-anzjani jappoġġjaw lill-impjegati tagħhom b'mod iktar attiv biex jiksbu ekwivalenzi ta' kwalifika.[100] Mill-2016, l-iktar tip ta' VAE komuni assoċjat max-xogħol tal-PHS kien id-Diploma tal-Istat ta' Appoġġ Edukattiv u Soċjali (DEAES),[101] ċertifikat li jikkonferma li individwu għandu l-ħiliet meħtieġa biex jappoġġja l-ħtiġijiet ta' kuljum tal-individwi fid-dar, f'faċilità jew fl-ambjent tal-iskola, irrispettivament mill-esperjenza ta' taħriġ formali.[102]

It-Tabella 4 telenka fil-qosor il-vantaġġi u l-isfidi marbutin mat-titjib tal-kwalifiki formali tal-impjegati tal-PHS. Din tqis il-proċess mill-perspettiva tal-impjegati u l-utenti u tirrifletti l-aktar is-servizzi li mhumiex tal-kura.

---

[97] Sodexo hija kumpanija Franċiża ta' servizzi tal-ikel u tal-ġestjoni tal-faċilitajiet li sservi bħala l-kumpanija li toħroġ il-vawċers fil-Belġju. Hija waħda mill-ikbar korporazzjonijiet multinazzjonali fid-dinja u waħda mill-aqwa żewġ fornituri ta' vawċers u kards tas-servizz fid-dinja.
[98] EFSI (2013: 21).
[99] Bil-Franċiż: "validation des acquis de l'expérience."
[100] Farvaque (2015: 42).
[101] Bil-Franċiż: "Diplôme d'État d'Accompagnant Éducatif et Social."
[102] 1901 Formation (2016).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

**Tabella 4: Vantaġġi u sfidi involuti fl-espansjoni tal-kwalifiki għall-impjegati tal-PHS**

| | Vantaġġi | Sfidi |
|---|---|---|
| **Impjegati tal-PHS** | Titjib tal-istatus tax-xogħol tal-PHS<br>Ħolqien ta' sens ta' solidarjetà fost il-ħaddiema tal-PHS<br>Kultivazzjoni ta' rispett għal standard ta' eċċellenza<br>Tħejjija ta' impjegati b'livell relattivament baxx ta' taħriġ formali u esperjenza edukattiva biex eventwalment jittranżizzjonaw mill-PHS f'setturi b'livelli ta' kwalifika iktar għoljin.<br>Titjib tal-qligħ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-aċċess għal perkorsi tal-karriera | Żieda fl-ostakli għall-ħidma fl-PHS<br>Skoraġġiment tal-parteċipazzjoni fost gruppi fil-mira b'sett ta' ħiliet iktar limitati<br>Ġenerazzjoni ta' spejjeż |
| **Utenti ta' PHS** | L-istabbiliment ta' standard ta' kura u servizz li l-utent jista' jistennihom meta jimpjega impjegat tal-PHS.<br>Faċilitazzjoni ta' sens ta' trasparenza u fiduċja ikbar | Żieda fl-ispiża tal-ħolqien ta' impjiegi PHS, li wħud minnhom jistgħu jiġu mgħoddija lill-utent<br>Żieda fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fid-djar privati |

Sors: Cylus and Rand (2019).

Il-ġestjoni tal-kwalità hija pass ewlieni fil-professjonalizzazzjoni tax-xogħol tal-PHS, peress li tiżviluppa aspettattivi għall-impjegati u l-impjegaturi li huma konformi ma' perkorsi oħra tal-karriera.

- L-iżvilupp ta' standards konsistenti ta' impjieg;
- Disponibbiltà ta' taħriġ u ċertifikazzjoni jew diploma;
- Żieda fl-opportunitajiet ta' negozjar kollettiv.

Bħala tali, il-politiki u l-istrumenti kkonċernati bil-kwalità mhumiex maħsuba biss biex itejbu l-kwalità tal-PHS għall-utent, iżda wkoll biex jagħmlu l-PHS qasam ta' xogħol ta' kwalità aħjar għall-impjegat. Dan jista' jitwettaq permezz ta' politiki li jimmiraw għal regolamentazzjoni wiesgħa.

Fl-Irlanda, pereżempju, l-iżvilupp ta' kodiċi ta' prattika statutorju fl-2007 wassal għal tibdil sinifikanti fil-perċezzjoni pubblika tal-impjegati tal-PHS bħala membri tal-forza tax-xogħol bid-drittijiet tal-impjieg. Minbarra li jintitola lill-impjegati tal-PHS għal kuntratti bil-miktub, paga minima, sigħat massimi tax-xogħol u liv imħallas, dan jistipula li l-utenti tal-PHS għandhom "jirrispettaw id-dinjità u l-privatezza tal-impjegat."[103] Ħafna pajjiżi, bħall-Awstrija, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja, introduċew spezzjonijiet fl-unitajiet domestiċi bit-tama li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-impjegati jinżammu. Fi Spanja, l-ispetturi suppost jiċċekkjaw jekk l-impjegati ġewx ipprovduti kuntratti.[104] Fl-Iżvezja, l-ispetturi huma maħsuba biex jimmonitorjaw jekk l-utenti tal-PHS jipprovdux ambjent san u sigur għall-impjegati.[105]

103 Mather (2015: p. 25).
104 Mather (2015: 24).
105 Mather (2015: 24).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

## Ir-Relazzjoni bejn ir-Reġimi tal-Għajnuna Soċjali u l-Politiki tal-PHS

Il-kategorizzazzjoni tar-reġim tal-għajnuna soċjali ilha ħafna tintuża biex tiġbor il-pajjiżi Ewropej u spjega l-imgiba u l-eżiti tal-politika tagħhom fuq il-bażi ta' tradizzjonijiet u karatteristiċi kondiviżi. Din it-tipoloġija tista' tkun utli ukoll biex wieħed jipprova jifhem l-isfidi rigward l-iżvilupp tal-PHS fi Stati Membri tal-UE differenti u l-propensità tagħhom biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi bl-għajnuna ta' tipi differenti ta' politiki u strumenti tal-PHS.

Il-letteratura dwar ir-reġimi tal-għajnuna soċjali tikklassifika l-pajjiżi Ewropej kif ġej:

- **Reġimi Nordiċi** (id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja u n-Netherlands)[106] huma kkaratterizzati minn stat qawwi ffokat fuq miżuri ta' distribuzzjoni mill-ġdid – bħala regola bbażat l-aktar fuq taxxi ġenerali – b'appoġġ għall-ugwaljanza u l-koeżjoni soċjali. Dawn għandhom livell għoli ta' ugwaljanza fl-impjiegi u bejn is-sessi, sistemi b'saħħithom ta' appoġġ għall-għajnuna soċjali u politiki estensivi ta' appoġġ għall-familji.[107]
- **Ir-reġimi kontinentali** (il-Ġermanja, Franza, l-Awstrija, il-Lussemburgu u l-Belġju) għandhom tendenza li jkunu korporatisti u jagħtu benefiċċji personali għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol b'saħħtu, imma spiss riġidu. Huma għandhom trejdjunjins b'saħħithom u storja qawwija ta' inkoraġġiment lill-irġiel bħala dawk li jaqilgħu l-paga prinċipali fil-familja. Madankollu, dawn il-pajjiżi għandhom tendenza li jkollhom sistemi ta' appoġġ soċjali sodi u livelli ta' distribuzzjoni mill-ġdid bejn moderati u għoljin, ibbażati fuq kontribuzzjonijiet soċjali minn skemi ta' sigurtà soċjali differenti jew taxxi ġenerali.[108]
- **Ir-reġimi Mediterranji** (Spanja u l-Italja) huma kkaratterizzati minn enfasi qawwija fuq kura pprovduta mill-familja, li tista' twassal għal distakk sinifikanti fl-impjieg bejn is-sessi. Dawn għandhom inqas distribuzzjoni mill-ġdid u inqas enfasi fuq it-tnaqqis tal-faqar kif ukoll inqas sistemi ta' appoġġ soċjali.[109]
- **Reġimi Ango-Sassoni** (l-Irlanda u Malta)[110] huma kkaratterizzati minn attitudni ta' "laissez-faire" lejn l-għajnuna soċjali. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom mhumiex żviluppati sew u t-trasferimenti soċjali jibqgħu baxxi, b'inċidenza għolja ta' ttestjar tal-mezzi.[111]

---

[106] In-Netherlands għandu tendenza li juri karatteristiċi kemm tar-reġim Nordiku kif ukoll ta' dak Kontinentali fir-rigward tal-politiki u l-istrumenti tal-PHS. Minkejja li jiffoka fuq tnaqqis tat-taxxa, għandu benefiċċji fi flus iffokati fuq il-kura.
[107] SensAge (2014).
[108] SensAge (2014).
[109] SensAge (2014).
[110] Is-sistema ta' assistenza soċjali ta' Malta toffri fużjoni unika ta' filosofiji ta' assistenza soċjali. Minn naħa waħda, Malta għandha wieħed mill-ogħla perċentwali ta' benefiċċji fi flus ittestjati skont il-mezzi fir-rigward tal-benefiċċji totali fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, huwa relattivament ġeneruż f'oqsma oħra ta' politika. Fl-istess ħin, il-familja tradizzjonali, ġeneralment assoċjata mal-mudell maskili tradizzjonali ta 'min jaqla' l-ħobż, hija aktar predominanti milli f'diversi stati oħra ta 'benesseri.
[111] Urbé (2012).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

Ovvjament, mhux il-pajjiżi kollha koperti mill-proġett Ad-PHS jikkorrispondu għal din il-kategorizzazzjoni bbażata fuq ir-reġim. Huwa importanti li wieħed jinnota li ngħatat inqas attenzjoni akkademika lill-analiżi tal-istat soċjali **fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant** (CEECs)[112] b'mod ġenerali, u lis-settur tal-PHC f'dawn il-pajjiżi b'mod partikolari. Dan jagħmel klassifikazzjoni bir-reqqa u paragun bla difetti aktar diffiċli u inkonklussivi. Approċċ ieħor għall-analiżi ta' dawn il-pajjiżi se jiġi ppreżentat fit-taqsima rilevanti ta' hawn taħt. Fil-mappa ta' hawn taħt (il-Figura 1), il-pajjiżi kollha fil-proġett Ad-PHS huma rappreżentati u kklassifikati skont tip/skema ta' għoti ta' assistenza soċjali sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali rapida tal-mogħdijiet storiċi u x-xebh differenti bejn il-pajjiżi.

**Figura 1: Pajjiżi tal-PHS raggruppati skont il-karatteristiċi komuni tal-ħarsien soċjali**




Sors: Rossow (2020). Nota: Mhux il-pajjiżi kollha elenkati jikkorrispondu għall-klassifikazzjoni tal-iskemi; ara t-test.

F'dan li ġej, ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tal-PHC skont il-gruppi differenti ta' skemi jew tipi ta' protezzjoni soċjali, li jibdew mill-pajjiżi fi Grupp A tal-Ad-PHS (dawk bl-aktar sistemi PHC avvanzati).

[112] Din il-klassifikazzjoni tinkludi pajjiżi li kienu parti minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika u li issa huma parti mill-UE jew jaspiraw li jissieħbu magħha. Għal dan il-kapitolu speċifiku, il-pajjiżi li ġejjin koperti mill-proġett Ad-PHS huma koperti: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja (Uffiċċju Pubbliku tal-Unjoni Ewropea 2020).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

*Pajjiżi tal-Grupp A: Pajjiżi Mediterranji, Nordiċi u kontinentali tad-dinja*

F'dan il-grupp, il-**pajjiżi Mediterranji** ġeneralment joffru inqas servizzi soċjali mmexxija mill-istat. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, kien hemm tradizzjoni itwal, mingħajr interruzzjoni ta' ħaddiema domestiċi mhux ta' kura u anke ta' xogħol informali u mhux iddikjarat [113]. Attivitajiet ta' kura, pereżempju, ġeneralment tħallew biex jiġu ddeterminati mill-familja. Illum il-ġurnata, peress li ħafna familji ma jistgħux jipprovdu kura fit-tul personalment, speċjalment lil qraba anzjani, il-familji spiss jimpjegaw persuni biex jieħdu ħsiebhom b'mod informali. Dawn l-impjegati spiss jagħmlu wkoll xogħol mhux ta' kura. Fl-Italja, il-ħaddiema domestiċi huma kklassifikati bħala "colf", jekk jipprovdu prinċipalment servizzi mhux ta' kura, jew bħala "badante", jekk il-kompitu ewlieni tagħhom huwa li jipprovdu kura lil persuna dipendenti. Fost dawn tal-aħħar, hemm ħafna nisa migranti, li ħafna drabi ma jkollhomx dokumenti, u ġeneralment iwettqu dawn is-servizzi ta' kura fit-tul bħala ħaddiema domestiċi li jgħixu fid-dar magħhom.[114] Il-mudell hekk imsejjaħ ta' "migrant fil-familja" jindika kemm hu komuni x-xogħol mhux tal-kura, u anke x-xogħol ta' għajxien fl-istess dar. Bħala tali, l-istrumenti tal-PHS taw ħafna inqas attenzjoni lill-promozzjoni ta' servizzi mhux ta' kura, peress li din il-ħtieġa diġà ġiet sodisfatta minn numru kbir ta' ħaddiema domestiċi mhux iddikjarati.

Kien hemm ukoll inqas enfasi fuq id-disinn ta 'strumenti li jgħaddu ħaddiema domestiċi mhux iddikjarati għal arranġamenti formali. Għalkemm saru sforzi biex jiġi implimentat iktar xogħol ibbażat fuq kuntratti, hemm tendenza li jkun hemm inqas sorveljanza ta' dawn il-kuntratti. Pajjiżi bħall-Italja u Spanja implimentaw skemi ta' regolarizzazzjoni għal ħaddiema mingħajr dokumenti li ħafna minnhom iwettqu xogħol tal-PHS mhux iddikjarat.[115]-[116] Għalhekk ix-xejra f'ħafna pajjiżi tal-Mediterran hija li jiġu żviluppati strumenti orjentati lejn il-kura li jiffukaw iktar fuq il-ħtiġijiet tal-utent milli fuq dawk tal-impjegat. Huwa komuni li jinstabu strumenti ta' kura bbażati fuq il-flus, b'testijiet tal-mezzi, u għalhekk strumenti għal individwi vulnerabbli li l-familji tagħhom jistgħu jkunu inqas kapaċi li jieħdu ħsiebhom finanzjarjament. Kif muri mill-allowance għall-attendenza fl-Italja, l-użu tal-benefiċċju spiss jitħalla għad-diskrezzjoni tal-utent. B'dan il-mod, l-istrumenti tal-flus għall-kura spiss indirettament isostnu jew jiffaċilitaw arranġamenti ta' xogħol mhux iddikjarati u jistgħu jiddiżinċentivaw it-tisħiħ tal-ħiliet għal xogħol tal-PHS,[117] billi l-interess tal-utent huwa li jikseb l-ikbar ammont ta' servizz għall-inqas ammont ta' flus. L-għan tal-pajjiżi li jużaw prinċipalment strumenti ta' kura bbażati fuq il-flus huwa, l-ewwel u qabel kollox, li jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-membri anzjani u dawk l-iktar vulnerabbli fis-soċjetà jiġu ssodisfati. Kif diskuss qabel, fi Spanja, il-benefiċċji fi flus kontanti jistgħu saħansitra jintużaw biex iħallsu lil membri tal-familja biex jipprovdu dik li altrimenti tkun kura mhux imħallsa, biex b'hekk tissaħħaħ l-attenzjoni fuq il-kura pprovduta mill-familja f'dawn il-pajjiżi. Dawn il-pajjiżi jiffaċċjaw sfidi biex jiżguraw li l-istrumenti limitati tal-kura jkunu aċċessibbli

[113] Estevez-Abe/Hobson (2015).
[114] Rugolotto et al. (2018).
[115] Estevez-Abe/Hobson (2015).
[116] Waħda mill-iskemi ta' regolarizzazzjoni fi Spanja tissejjaħ "arraigo social" jew "għeruq soċjali", li permezz tagħha migranti mingħajr dokumenti jistgħu jiksbu permessi tax-xogħol jekk juru dawn li ġejjin: residenza kontinwa fi Spanja għat-tliet snin ta' qabel; ebda rekord kriminali għall-ħames snin preċedenti; kuntratti tax-xogħol iffirmati għal sena jew iktar li jammontaw għal mill-inqas 30 siegħa fil-ġimgħa (jistgħu jkunu kuntratti multipli); kif ukoll evidenza dokumentata tar-rabtiet familjari u/jew integrazzjoni soċjali. Alternattivament, l-individwi jistgħu juru: sentejn ta' residenza kontinwa fi Spanja, ebda rekord kriminali għall-aħħar ħames snin u relazzjoni ta' impjieg irregolari li twila mill-inqas 6 xhur li ġiet rikonoxxuta permezz ta' sentenza tal-qorti jew mill-ispettorat tax-xogħol. Dan il-programm kien utli għal individwi li jaħdmu partikolarment f'PHS mhux tal-kura. Huwa ħoloq ukoll perkors għal residenza permanenti wara 5 snin.
[117] Pfau-Effinger/Geissler (2005).

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea (Ad-PHS - VS/2018/0344)

għal kulħadd hekk kif il-popolazzjoni tixjieħ u aktar persuni li jindukraw il-familja jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li tiġi żgurata t-trasparenza bi strumenti ta' flus għall-kura, speċjalment meta jkun hemm sorveljanza limitata fuq kif jintużaw il-fondi.

Fost ir-reġimi Nordiċi u Kontinentali, l-għanijiet għat-tfassil ta' strumenti tal-PHS għandhom tendenza li jkunu simili – tnaqqis ta' xogħol mhux iddikjarat, appoġġ għall-iżvilupp ta' impjiegi b'ħiliet baxxi u titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Madankollu, in-natura tal-istrumenti tvarja skont il-kuntest nazzjonali.

